**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 25 TA' MARZU 2021**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Gur. 378/2010 RGM**

**Il-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani (I.D. 693930M), Christopher Testaferrata Moroni Viani (I.D. 71665M); Avv. Martin Testaferrata Moroni Viani (I.D. 14970), Monika Testaferrata Moroni Viani (I.D. 4167A), Peter Paul Testaferrata Moroni Viani (I.D. 562660M), Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani (I.D. 541365M), Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani (I.D. 515258 M), Jane Testaferrata Moroni Viani (I.D. 133133M) u b'digriet tas-16 t'Awwissu 2017, l-atti tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani gew trasfużi f'isem Christopher Testaferrata Moroni Viani u Martin Testaferrata Moroni Viani, kif ukoll il-mara tieghu Baronessa Monika Testaferrata Moroni Viani**

**vs.**

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq (454749M), Caren Preziosi (I.D. 340952M), u Anna Maria Spiteri Debono (I.D. 380861M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani u l-atturi l-oħra** ippreżentat fis-16 t'April, 2010 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Salvino, Christopher, Martin, Peter Paul, Paul Stephen u Caroline lkoll Testaferrata Moroni Viani flimkien mal-intimati Agnes, Caren u Anna Maria lkoll mwieldin Testaferrata Bonici, huma ko-proprjetarji ta' diversi beni immobbli li originarjament iffurmaw parti mill-hekk imsejħa *Primogenituri Testaferrata*; Dawn il-beni jikkonsistu f'artijiet u bini li jinsabu Ta' Xbiex, l-Imsida, il-Gzira, il-Mosta, Casal Paola (Rahal Gdid) u z-Zebbiegh u numru ta' cnus u drittijiet immobiljarji ohra; Ir-rikorrenti l-ohrajn Monika u Jane ghandhom ukoll interess legali [uzufruttwarju] f'uhud minn dawn il-propjetajiet.

2. Illi l-ahhar pussessur tal-istess *Primogenituri* kien awtur il-partijiet il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li miet fit-18 ta' Marzu 1954; Illi b' l-att numru tnax (12) tas-sena 1950 is-successjoni b' primogenitura spiccat u in-nofs (1/2) indiviz tal-assi relattivi inzamm mill-pussessur (fil-kaz tal-lum mill-imsemmi Pietro Paolo) mentri n-nofs (1/2) indiviz l-iehor waqa' fuq il-"*vokat*" (fil-kaz tal-lum ir-rikorrenti Salvino Testaferrata Moroni Viani, li huwa l-*primogenito*), kif soġġett ghal uzufrutt favur l-gja pussessur (jigifieri l-imsemmi Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani). Illi l-istess Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani miet mingħajr testament u n-nofs (1/2) sehem tieghu mill-primoġenitura ntiret mill-erba' wliedu cjoe Salvino, Mario, Beatrice lkoll Testaferrata Moroni Viani u Maria dak iż-żmien miżżewga lil Lino Testaferrata Bonici. Jigifieri l-erba' ulied wirtu, kull wiehed u wahda, kwart (1/4) ta' nofs (1/2) mill-primogenitura, ekwivalenti ghal ottav (1/8) kull wieħed mill-primoġenitura, filwaqt illi n-nofs l-iehor (1/2) ikkonsolida favur ir-rikorrenti Salvino Testaferrata Moroni Viani. B'hekk l-imsemmi rikorrent Salvino Testaferrata Moroni Viani sar proprjetarju ta'

nofs (1/2) *plus* ottav (1/8) ekwivalenti ghal hames ottavi (5/8) tal-proprjetà derivanti mill-primoġenitura, mentri hutu Mario, Maria u Bice kellhom ottav (1/8) kull wiehed u wahda minnhom;

3. Illi l-gja *Primogenitura Testaferrata* flimkien ma' propjetajiet ohra ("*il-propjetajiiet l-ohra*") relattivament ta' anqas importanza minn dawk li huma primogenjali, huma lkoll amministrati taht l-isem "*Testaferrata Moroni Viani Estates*"; Minn dawn il-"*propjetajiet l-ohra*", ir-rikorrenti Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani m'ghandhomx sehem, kif spjegat hawn taht. Minn dawn il-"*propjetajiet l-ohra*" uhud minnhom jifformaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti Salvino u Monika konjugi Testaferrata Moroni Viani, bejn ir-rikorrenti Jane u r-ragel illum defunt Mario Testaferrata Moroni Viani u bejn Maria u Lino Testaferrata Bonici [it-tnejn defunti].

4. Illi l-imsemmija Barunessa Maria armla mill-Baruni Lino Testaferrata Bonici mietet fis-sena 1999 u l-werrieta taghha huma t-tliet ibniet taghha, l-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici. B'hekk kull wahda minn dawn l-intimati wirtu terz (1/3) indiviz minn ottav (1/8) indiviz tal-propjetajiet in kwistjoni, jigifieri sehem ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wahda.

5. Illi l-imsemmi Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani miet fis-sena 2007 u l-werrieta tieghu huma uliedu r-rikorrenti Peter Paul, Paul Stephen u Caroline mart Gerald Zammit, ahwa Testaferrata Moroni Viani u dana bhala soggett ghall-uzufrutt favur ommhom Jane armla mill-imsemmi Mario. B'hekk kull wiehed u wahda minn dawn ir-rikorrenti wirtu terz (1/3) indiviz minn ottav (1/8) indiviz tal-propjetajiet in kwistjoni, jigifieri sehem ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wiehed u wahda, u dana bhala soggett ghall-uzufrutt favur ommhom Jane armla mill-imsemmi Mario.

6. Illi l-imsemmija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani mietet ukoll fis-sena 2007 u a tenur tal-ahhar testment taghha maghmul in atti Nutar Dottor Hugh Grima **("Dok. A.")** istitwiet lill-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici bħala eredi universali taghha **u dana wara li iddisponiet mis-sehem taghha ta' ottav (1/8)** mill-propjetajiet provvenjenti mill-istess primogenitura bil-mod kif gej: **(a)** b'legat favur lir-rikorrenti Martin u Christopher ahwa Testaferrata Moroni Viani kwantu għal terz (1/3) bejniethom (tal-istess 1/8) flimkien mas-sehem taghha fil-propjeta sitwata Casal Paola: Testwalment il-legat jghid:-

> *"(Article Two) "testatrix is hereby bequeathing by title of legacy unto her nephews Christopher and Martin brothers Testaferrata Moroni Viani sons of the testatrix's brother Salvino and Monika von Ammermann residing at Balzan and Sliema respectively and this in equal portions between them, said legacy to be operable immediately following testatrix's death and in full and absolute ownership one third (1/3) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being those Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devovled upon his death as to five eighth (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8) by testatrix. The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eighth (1/8th) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata, situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said Primogenitures. Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax, if any, in the fulfilment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy."*

u **(b)** b'legat favur lir-rikorrenti l-oħra Caroline, Peter Paul u Paul Stephen, ahwa Testaferrata Moroni Viani kwantu ghal sesta parti (1/6) (tal-istess 1/8) bejniethom: Testwalment il-legat jghid:-

> *"(Article Three) "testatrix is hereby bequeathing by title of legacy to her nephews and niece namely Peter Paul, Caroline, wife of Gerald Zammit and Paul Stephen all brothers and sister Testaferrata Moroni Viani children of the testatrix's brother the late Mario Testaferrata Moroni Viani and Jane nee Borg residing respectivley at San Pawl tat-Targa, Ta' Xbiex and San Pawl tat-Targa and this in equal portions between them one sixth (1/6th) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being those Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devovled upon his death as to five eighth (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8) by testatrix."*

7. Illi b'hekk r-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ghandhom biss interess fil-propjetajiet provvenjenti mill-imsemmija priimogenitura u m'ghadhomx propjeta' ohra in komunjoni mal-partijiet l-ohra.

8. Illi jinghad li bejn il-partijiet fil-proceduri hemm dizgwid parzjali dwar xiex ghandu jikkonsisti din l-ottava parti (1/8) li iddisponiet l-imsemmija Beatrice Testaferrata Moroni Viani relattivament ghal tlett propjetajiet u senjatment

a] l-1/8 tal-propjeta Palazzo Testaferrata, Paola li skond l-atturi ddevolva eskussivament favur Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani: f'dan ir-rigward qed tigi esibita ittra minghand l-imsemmi Nutar Hugh Grima **("Dok. B.")** li intalbet mir-rikorrenti Christopher u Martin wara li l-intimata Agnes mart Alfred Gera de Petri, indikat interpretazzjoni differenti tal-legat relattiv ghall-propjeta' sitwata Rahal Gdid.

(b) il-bicca art sitwata l-Mosta tal-kejl ta' dsatax il-elf disa mija u erba u sebghin metru kwadru [19,974m2] originarjament esproprijata taht l-att I tal-1983 li giet riakkwistata mill-familja Testaferrata Moroni Viani fis-sena 1995: skond l-atturi l-art imsemmija ghandha tigi meqjusa bhala provvenjenti mill-primogenitura, u ghalhekk formanti parti mill-imsemmi 1/8 billi din rrevertiet b'kuntratt wara resoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati: f'dan ir-rigward qed tigi esibita kopja tal-kuntratt relattiv **("Dok. C.")** u c] il-fond ossija Villa maghrufa bhala Bendigo, Ta' Xbiex Sea Front, Ta Xbiex originarjament moghti b'cens minn awtur il-partijiet li gie riakkwistat bis-sistema (illum abolita) ta' rkupru: din il-propjeta' ghandha tigi meqjusa bhala provvenjenti mill-istess primogenitura, u ghalhekk formanti parti mill-imsemmi 1/8 din il-propjeta' billi din ikkonsolidat ("*confusio*") mad-dirett dominju relattiv: f'dan ir-rigward qed tigi esibita kopja tal-irkupru relattiv **("Dok. D.")**.

9. Illi ghalhekk salv it-tliet kontestazzjonijiet imfissra fil-paragrafu ta' qabel ma hemmx kontestazzjoni li l-propjetajiet provvenjenti mill-imsemmija primogenitura illum jappartjenu lill-partijiet bil-kwoti kif gej: **(a)** r-rikorrent Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani 5/8 ekwivalenti ghal 62.5%, **(b)** r-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani bejniethom sehem indiviz ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) ekwivalenti ghal 4.167%, **(c)** ir-rikorrenti Peter Paul, Paul Stephen u Caroline mart Gerald Zammit ahwa Testaferrata Moroni Viani bejnjiethom is-sehem kumplessiv (jigifieri kompriz dak is-sehem soggett ghall-uzufrutt favur ommhom Jane) ta' 7/48 ekwivalenti ghal 14.58% u **(d)** l-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici bejnjiethom is-sehem kumplessiv ta' 3/16 ekwivalenti ghal 18.75%; mentri in rigward il-propjeta' sitwata Rahal Gdid (maghrufa bhala Palazzo Testaferrata") tappartjeni lill-istess individwi b'dana li **(a)** r-rikorrenti Christopher u Martin ghandhom ottav (1/8) ekwivalenti ghal 12.5% u r-rimanenti sehem ta' din il-propjeta' tappartjeni **(b)** lill-Baruni Salvino kwantu ghal 5/8 ekwivalenti ghal 62.5% u lill-eredi rispettivi **(c)** tan-

Nobbli Mario kwantu ghal 1/8 ekwivalenti ghal 12.5% u **(d)** tal-Barunessa Maria kwantu ghal ghar-rimanenti 1/8 ekwivalenti ghal 12.5% .

10. Illi dan kollu jinsab spjegat fuq l-anness prospett/arblu genealogiku hawn anness u market "**Dok. E.**"

11. Għal kull bwon fini jiġi dikjarat u ghal ragunijiet li jigu mfissra bid-dettall lil din l-Onorabbli Qorti, l-intimati hadu posizzjoni ambivalenti jekk ir-rikorrenti Christopher, Martin, Peter Paul, Paul Stephen u Caroline, lkoll Testaferrata Moroni Viani gewx immessi fil-pussess tal-legati mħollija lilhom minn l-imsemmija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani kif jirrizulta mill-annessa korrispondenza markata "**Dok. F.**" , u dana apparti mill-interpretazzjoni fuq spjegata tal-legat relattiv ghall-propjeta' sitwata Rahal Gdid .

12. Illi r-rikorrenti ma jixtiequx jiqbghu fil-komunjoni fil-propjetajiet kif ghandhom dritt ai termini tal-artikolu 496 tal-Kap 16.

13. Illi fis-sena 2009 ir-rikorrenti konjuġi Baruni Salvino u Monika Testaferrata Moroni Viani, flimkien mar-rikorrenti Martin u Christopher Testaferrata Moroni Viani, inkarigaw lill-Perit AIC Godwin P. Abela bħala perit *ex parte* sabiex jispezzjona u jidentifika d-diversi proprjetajiet li tagħhom huma komproprjetarji l-partijiet, jagħmel valutazzjoni tagħhom u jipproponi pjan ta' diviżjoni.

14. Illi l-AIC Godwin Abela lesta r-rapport tiegħu nhar it-30 ta' Settembru, 2009 (rapport eżebit bħala żewġ volumi - **"Dok. G1." u "Dok. G2."**). Illi l-ewwel (1) volum tar-rapport imsemmi (**"Dok. G1."**) huwa deskrizzjoni dettaljata ta' kull propjeta, mentri it-tieni (2) volum (**"Dok. G2."**) huwa l-modalita' ta' divizjoni kif proposta mill-istess perit;

15. Illi in suċċint, l-eżerċizzju li wettaq l-AIC Abela (kif spjegat f'aktar dettall fl-introduzzjoni għar-rapport voluminuż tiegħu) kien jikkonsisti filli:

- L-ewwelnett ipprepara *cover sheet* għal kull proprjetà, bid-dettalji kollha ta' kull proprjetà rispettiva u l-valur fis-suq skond il-linji gwida tal-Kamra tal-Periti;
- it-tieninett il-Perit identifika proprjetajiet illi d-diviżjoni tagħhom tista' tkun problematika, partikolarment minħabba fatturi legali bħalma huma proċeduri ta' esproprjazzjoni pendenti jew komproprjetà ma' terzi persuni. Dawn il-proprjetajiet ingħataw valur nominali u l-perit indika s-sehem *pro rata* li skond hu għandu jmiss lil kull parti f'din il-kawża;
- Biex jevita frammentazzjoni ta' proprjetajiet il-Perit Abela ikkunsidra dawk il-proprjetajiet fejn ikun opportun illi ssir konsolidazzjoni ta' proprjetà favur xi persuna partikolari;
- Il-Perit fl-aħħarnett ippropona diviżjoni skond il-valur tas-sehem ta' kull parti u uża dawk il-proprjetajiet li l-valur tagħhom huwa nominali u/jew proprjetajiet mogħtija b'enfitewżi perpetwa biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm għalfejn ħlas ta' ekwiparazzjoni. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju, l-ogħla ekwiparazzjoni dovuta hija biss ammont irrizorju;
- Di piu' l-Perit stieden il-partijet kollha sabiex jiehdu kwalsiasi kjarifika u biex jaghmlu kontroproposta.

16. Illi r-rapport tal-Perit Godwin Abela ġie distribwit lill-intimati u/jew r-rappresentanti taghhom rispettivi nhar id-9 t'Ottubru, 2009 u dakinhar stess, meta ċertament l-intimati kienu għadhom lanqas qraw ir-rapport, l-intimata Agnes Gera de Petri bagħtet ittra lill-Perit Abela, b'kopja lir-rikorrenti l-Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani fejn insistiet illi ma kinitx ser tikkunsidra l-pjan ta' qasma **("Dok. H.").**

17. Illi sussegwentement ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati diversi drabi, inkluż b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar, 2010 (**"Dok. I."**), sabiex jaddivjenu għad-diviżjoni tal-proprjetà skont il-modalitajiet tar-rapport tal-Perit Abela iżda l-intimati mhux biss irrifjutaw il-proposta msemmija mingħajr raġuni valida imma talli naqsu illi, għall-anqas, iressqu proposti alternattivi u realistiċi għad-diviżjoni tal-istess proprjetajiet (**"Dok. I2."** u **"Dok. I3."**).

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u kundanna neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddetermina u tidentifika il-propjetaijiet kollha li fihom l-partijiet huma kompropjetarji liema proprjetajiet huma deskritti f'aktar dettall fl-ewwel volum tal-istess rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru, 2009;

2. Tiddetermina s-sehem ta' kull kompropjetarju fil-propjetajiet hekk identifikati; inkluz,

3. In kwantu ghal wirt tal-mikbija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani

(i)Tiddikjara li r-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ghandhom bejniethom sehem indiviz ta' wiehed u ghoxrin (1/24) fil-propjetajiet deskritti f'aktar dettall fl-ewwel volum tal-istess rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru, 2009, flimkien mas-sehem indiviz ta' ottav (1/8) fil-propjeta sitwata Casal Paola maghrufa bhala "Palazzo Testaferrata" deskritt fl-istess rapport, u dan kollu skond il-legat mholli lilhom minghand in-Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, kif ordnat mill-ahhar testment taghha fuq imsemmi;

(ii) Tiddikjara li r-rikorrenti Peter Paul, Paul Stephen u Caroline, ahwa Testaferrata Moroni Viani ghandhom bejniethom (apparti mis-sehem provvenjeneti minn missierhom in-Nobbli Mario) sehem indiviz ta' wiehed minn tmienja u erbghin (1/48) fil-propjetajiet hekk deskritti, u dana skond il-legat mholli lilhom minghand in-Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, kif ordnat mill-ahhar testment taghha fuq imsemmi;

(iii) Tordna lill-intimati sabiex jimmettu lir-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani u Peter Paul, Paul Stephen u

Caroline, ahwa Testaferrata Moroni Viani fil-pussess tal-legati hekk imhollija mill-imsemmija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani okkorrendo debita ordni u kundanna opportuna sabiex isir att ta' immissjoni issir jew separat jew kontestwali mal-kuntratt ta' divizjoni hawn taht mitluba ;

4. Tordna d-diviżjoni tal-proprjetajiet li tagħhom huma komproprjetarji l-partijiet,

5. Tiddiciedi li d-divizjoni ghandha issir skond il-modalitajiet indikati fit-tieni volum tal-istess rapport tal-Perit AIC Godwin Abela, jew fin-nuqqas skond il-modalitajiet mfissra minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo l-assistenza ta' periti nominandi;

6. Tordna lill-intimati sabiex jersqu għal att pubbliku sabiex permezz tiegħu issir l-imsemmija diviżjoni u l-immissjoni fil-pussess kif indikat fit-tielet talba skond il-modalitajiet kif fuq indikati;

7. Konsegwentement tordna lill-intimati sabiex jersqu għal att pubbliku li permezz tiegħu issir id-diviżjoni tal-assi msemmija u l-immissjoni fil-pussess kif indikat fit-tielet talba;

8. Tiffissa lok, jum u ħin għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni;

9. Tinnomina n-Nutar Pubbliku Dottor Edward Flores jew nutar ieħor tax-xelta ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni;

10. Tinnomina kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-intimati f'każ ta' kontumaċja tagħhom fuq l-att pubbliku, li jkun jista', f'isem l-intimati jew min minnhom jeżerċità l-poteri u jassumi obbligazzjonijiet kollha inerenti fil-kuntratt ta' diviżjoni, kompriz l-iskrizzjoni ta' ipoteki u privileggi relattiv u l-immissjoni fil-pussess kif indikat fit-tielet talba;

11. Tikkundanna lill-intimati jhallsu sehem mill-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti fid-divizjoni msemmija u tenut kont sija l-utilita' tal-istess rapport fid-divizjoni, kif ukoll l-opposizzjoni mhux gustifikata tal-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici, jew min minnhom;

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-kwalsiasi perizja ulterjuri in konnessjoni mal-proceduri odjerni u dawk relattivi u ulterjuri, kontra l-istess intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-r**isposta ġuramentata ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici**[1] ippreżentata fl-20 ta' Mejju, 2010 u jingħad kif ġej:

L-eccezzjonijiet –

(1) Illi l-eccipjenti ma topponix ruhha ghad-divizjoni tal-proprjeta komuni, li del resto anke hija kienet ilha tinsisti ghaliha, imma topponi ruhha bl-aktar qawwa ghall-modalita b' liema l-atturi qieghdin jissuggerrixu li ghandha issir din id-divizjoni, u cioe li din issir skond it-tieni volum tar-rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru 2009, liema modalita hija abbusiva u manifestament intiza biex tisvantaggja lill-eccipjenti; inoltre l-eccipjenti topponi ruhha ghall-konfuzjoni evidenti ta' provenjenzi differenti kif ukoll ta' partecipazzjoni f' parti mid-divizjonijiet minn persuni nieqsa mill-interess mehtieg, liema konfuzjoni ta' interessi guridici tinsab ukoll manifest fid-divizjoni proposta mill-perit Abela, u dan billi l-partijiet apparti li ma ghandhomx l-istess ishma f' kull proprjeta imma hemm ukoll proprjeta li hija komuni bejn xi uhud mill-partijiet u mhux bejn kulhadd;

[1] Paġna 1183 et seq tal-proċess.

(2) Illi inoltre ma huwiex car jekk din il-kawza hijiex kawza ta' divizjoni ta' wirt, u allura hija intiza bhala *'actio familiae eriscunde'*, jew kawza ta' divizjoni ta' proprjeta li biss in parti tista tkun gejja minn wirt. Ghalhekk din in-nuqqas ta' kjarezza tista tkun kawza ta' ekwivoci; inoltre, formalment trid tkun mitluba preambolarment id-divizjoni tal-wirt tal-mejjet Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u martu. F' dan ir-rigward jigi notat li apparti l-proprjeta li gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, fejn jidher li l-partijiet kollha fil-kawza ghandhom interess, hemm diversi proprjetajiet li kienu inxtraw minn ulied l-istess Pietro Paolo in komun bejnithom, fejn mhux biss l-ishma huma differenti imma Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u Christopher Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem. L-istess jinghad ghan-nisa ta' Salvatore Testaferrata Moroni Viani u Mario Testaferrata Moroni Viani, li ma ghandhom l-ebda sehem minn dak li gej mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghallhekk f' dik id-divizjoni huma privi ta' interess waqt li ghandhom sehem bhala kopartecipi fil-kommunjoni tal-akkwisti mar-rispettivi zwieghom fejn ghandhom interess; hemm ukoll proprjetajiet derivanti minn divizjoni, dawn il-proprjetajiet huma inkomuni ma terzi fejn Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani m'ghandhomx sehem minn din il-proprjeta u ghaldaqstant ma jistawx jigu inkluzi imma d-divizjonijiet huma u jridu jinzammu distinti legalment anke minhabba l-interess guridiku differenti tad-diversi partijiet;

(3) Illi fir-rigward tal-ewwel talba jigi rilevat li trid issir il-verifika tal-konsistenza tal-proprjeta kommuni u r-riferenza ghall-esercizju maghmul mill-perit Godwin Abela ma hiex sufficjenti ghaliex, fost hwejjeg ohra, gew mhollija barra diversi drittijiet appartenenti lill-proprjeta komuni ta' liema l-kondividendi huma biss direttarji, fejn l-istess atturi anke intavolaw kawzi u instigaw lill-eccipjenti biex tippartecipa maghhom in protezzjoni ta' dawn id-drittijiet; dawn stranament ma jissemmew xejn. Fil-fatt, skond il-gurisprudenza f'

liema il-kondividendi kienu ippartecipaw, jesistu poprjetajiet fejn ic-cens gie mifdi u l-kondividendi ghadhom jgawdu drittijiet fuqhom li kienu imposti fil-koncessjoni enfitewtika li kienet saret originarjament. Ghal dan il-ghan trid ukoll issir r-ricerki pubblici kollha necessarji sabiex l-assi kollu, inlkluz l-imsemmija drittijiet li jispettaw lid-direttarji, jigu kollha kristallizzati u imbghad inkluzi f'eventuali divizjoni; inoltre l-esercizzju tal-perit Abela huwa ukoll difettuz ghaliex injora d-differenti interessi guridici li ghandha kull parti fid-diversi proprjetajiet u dan legalment ma jistax jsir ghaliex b' dan il-mod jigu assenjjata lil xi whud mill-kondividnedi proprjetajiet f' liema huma ma ghandhom l-ebda sehem. Dan jinghad apparti l-kritika li ssir aktar l-isfel dwar il-modalita b'liema sar dan l-esercizzju.

(4) Illi gew ukoll inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta divizjoni redatta mill-perit Godwin Abela li fihom ir-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem u ghalhekk ma ghandom l-ebda interess guridiku fil-kawza proposta fir-rigward ta dawn il-proprjetajiet, dawn fil-fatt huma il-bosta proprjetajiet li ma humiex dawk l-hekk imsejha proprjeta primogeniali. Illi allura, anki abbazi ta dan, il-prospett ta divizjoni tal-Perit Abela hija monka ghaliex tassenja proprjetajiet lil persuni li ma ghandhom ebda sehem f'dawk l-istess proprjetajiet u allura jipprova ipingi kuntratt li fil-ligi huwa wiehed ta tpartit bhala wiehed ta divizjoni.; inoltre jrid jigi rilevat ukoll li b' l-istess mod Jane Testaferrata Moroni Viani u Monica Testaferrata Moroni Viani ma ghandhom l-ebda dritt ta' koproprjeta fid-divizjoni tal-proprjeta gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk ma ghandhomx interess guridiku f' dik id-divizjoni u minn dik id-divizjoni ghandhom jigu guridikament eskluzi;

(5) Illi gew inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta' divizjoni redatta mill-perit Godwin Abela li ma jistghux ikun hekk inkluzi skond il-ligi ghaliex dawn kienu diga fil fatt gew divizi u assenjati permezz ta'

divizjonijiet ta bejn il-partijiet hekk skond l-att pubblikku ta divizjoni ippublikat minn Nutar Tonio Spiteri nhar id-29 ta' Marzu 1988;

(6) Illi inoltre fir-rigward ta' l-esercizju maghmul mill-perit Godwin Abela, ghalkemm l-eccipjenti ghandha rispett ghall-abilita professjonali ta' dina l-persuna, dan huwa perit ex parte u ghalhekk ma jistax jkun il-persuna li jiddetermina l-modalita shiha tad-divizjoni; l-atturi setghu benissimament qabel ma sar ebda esercizju informaw bil-hsieb taghhom lill-konvenuti u invitawhom jippartecipaw fih anke bin-nomina tal-periti taghhom. Minflok l-atturi intenzjonalment iddecidew li jaghmlu kollox b' l-oppost u bil-habi w ipprocedew biex jghaddu l-inkarigu lill-perit biex ihejji divizjoni fuq modalitajiet li huma kuntenti bihom minghajr li l-konvenuti la gew konsultati la gew informati u lanqas kellhom l-icken opportunita li jikkummentaw dwarhom; ghalhekk necessarjament dak l-esercizzju irid jigi skartat; b' dana kollu huwa, salv dak li inghad iktar fuq, accettat li l-bicca l-kbira tal-proprjetajiet in komun gew inklusa fil-lista tal-perit Abela, u ghalkemm trid issir verifika ghall-fini tat-titolu u pacifiku pussess, l-eccipjenti taqbel li din il-lista tista isservi ta' bazi fuq hiex wiehed jista jibni. Inoltre trid issir d-debita distinzjoni billi mhux il-proprjeta kollha li l-kondividendi ghandhom in komun bejnithom ghandha l-istess provenjenza, u ghalhekk trid issir l-accertament tal-provenjenza anke ghall-fini tal-eventwali kuntratt ta' divizjoni u anke biex jigi determinat x' boll ghandu jithallas fuq l-istess.

(7) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex f'dik il-perizja ma tohrogx is-sehem tal-eccipjenti wahedha;l-eccipjenti ghandha dritt li fid-divizjoni tigi assenjata lilha proprjeta li ma tkunx ghada aktar in komun ma l-ebda kondividend iehor, biex kull wiehed mill-kondividendi jiehu mill-proprjeta komuni s-sehem li jisthoqqlhu, u

dan anke kif mehtieg skond l-artikolu 502 il-kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;

(8) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex jassenja, minghajr raguni valida fil-ligi, proprjetajiet maghzula lil uhud mill-kumproprjetarji; kif ukoll fir-relazzjoni tal-perit Godwin Abela hemm proprjeta u cnus li ma gewx inkluzi u dawn ghandhom jigu inkluzi fid-divizjoni;

(9) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex ma'ssegwix il-principji hekk kif stabbiliti mill-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta Malta u precizament peress illi jassenja territorji shah lil uhud mill-komproprjetarji meta dawn ma kellhomx dritt ghal tali assenjazjoni skond il-ligi, u jekk kellhom tali dritt, dan id-dritt gie ezercitat mhux skond il-ligi ghaliex assenja estenzjonijiet kbar ta' artijiet lil uhud mill-kompropjetarji meta fil-fatt skond il-ligi dawn kellhom jigu divizi jew ghall-inqas imtella bix-xorti u mhux assenjati.

(10) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex hija manifestament ingusta peress illi fis-sehem tal-eccipjenti gew assenjati bosta proprjetajiet li huma, jew x'aktarx li ser ikunu, milquta b'esproprjazzjoni mill-gvern, jew li huma fil-pusess ta terzi persuni taht titoli ta' kera u jew okkupazzjoni u li ghalhekk m'hemmx il-liberu uzu tal-istess proprjeta. Huwa car illi f'divizjoni il-kondividendi ghandhom jaqsmu skond s-sehemijiet taghhom dak kollu li hemm tajjeb u ukoll dak illi huwa inqas tajjeb jew problematiku bejniethom, u mhux illi uhud mill-kondivdendi jaghzlu biss it-tajjeb u jitfghu il-problemi kollha, jew il-bicca l-kbira minnhom, go sehem wiehed biss.

(11) Illi fir-rigward tat-tieni talba jispetta lill-atturi jaghmlu l-prova tal-ishma fil-proprjeta li tigi identifikata bhala appartenenti lill-kondividendi in komun bejnithom u in partikolari tas-sehem li kull wiehed mill-kondividendi ghandu minn dik il-proprjeta anke bil-prova tal-provenjenza; Naturalment in realta dak li jinsab fit-tielet talba ghandu jipprecedi, hekk skond is-segwenza indikata a paragrafu 12 hawn isfel, t-tieni talba billi l-immissjoni fil-pussess trid issir qabel id-determinazzjoni tal-ishma bejn il-kondivideni u d-determinazzjoni ta' dawk l-ishma imbghad issir anke fid-dawl ta' kwalsijasi eventwali immissjoni fil-pussess; naturalment dan kollu jista jsir anke f' kuntratt wiehed u mhux qieghed jigi suggerit li bil-fors jridu jsiru zewg kuntratti fir-rigward ta' dan il-kuntest; Illi inoltre huwa l-kaz li l-kondividendi ghandhom ishma differenti f' diversi proprjetajiet u anke dan jrid jigi determinat u deciz.

(12) Illi dwar l-immissjoni fil-pussess l-eccipjenti kienet u ghadha ppreparata taddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess fit-termini precizi u minnghajr bdil tat-testment tat-testatrici Beatrice Testaferrata Moroni Viani u ghallhekk ma ghandhiex tbati spejjez fir-rigward, imma fil-kuntest tat-talba kif maghmlua ghandom eccezzjonijiet ulterjuri x' jaghtu;

(13) Illi fi-rigward tal-legat imholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani jinkombi lill-atturi jghamlu l-prova f' hiex jikkonsistu u x' inhija l-proprjeta primogenjali, u il-konsistenza preciza ta' dawk il-legati; l-atturi jimmetamorfizzaw ruhhom f' imhallfin meta jippretendu li jghidu huma x' inhuma l-kontroversji bejnhom u l-eccipjenti u dan billi l-istess ghandhom jirrisultaw biss mill-eccezzjonijiet hawn sollevati; Illi f' dan il-kuntest jinkombi lill-atturi li jaghmlu il-prova tal-konsistenza tal-legati kollha lilhom imhollija u mhux jillimitaw ruhhom ghad-diskussjoni ta' tlett oggetti biss; illi f' dan il-kuntest jigi ukoll sollevat li t-talba ghall-immissjoni fil-pussess ghandha tipprecedi t-talba ghad-dikjarazzjoni li l-legatarji ghandhom sehem fil-proprjeta kif jinghad fit-talbiet numri 3i u 3ii u

dan billi evidentement dak is-sehem ma jistax jinghad li huwa taghhom hlief b' konsegwenza tal-immissjoni fil-pussess; hija logika stramba li l-ewwel tintalab dikjarazzjoni li l-proprjeta hija taghhom, imbghad tintalab l-immissjoni fil-pussess, ghaliex il-logika korretta trid l-invers; korrettement it-talbiet 3i u 3ii ghandhom jsegwu t-talba 3iii, liema talbiet, u cioe 3i u 3ii, la darba tigi determinata f' hiex jikkonsistu l-legati dwar liema trid issir l-immissjoni fil-pussess tkun kompletament superfluwa u bla bzonn u fi kwalsijasi kaz tkun kompriza u konfuza fit-tielet talba.

(14) Illi fir-rigward ta' dak li jinghad fit-talba 3i dwar l-proprjeta maghrufa bhala Palazzo Testaferrata, hemm diversi artijiet attigwi maghha u anke dar separata li ma ppervenewx lill-kondividendi mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk certament mhumiex inkluzi fil-legat u jista ukoll li l-ishma fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet jkunu differenti; inoltre jigi rilevat li l-legat imholli mit-testatrici kien terz ta' ottav u ma ghamlitx it-testatrici legat ta' ottav kif qieghedin donnhom jippretendu l-atturi;

(15) Illi fir-rigward ir-raba talba l-konvenuta ma ghandiex oggezzjoni hlief li tali divizjoni issir wara li l-proprjeta tigi maqsuma f'porzjonijiet u imbghad tittella bix-xorti, biex l-assenjazzjoni issir skond ix-xorti u dan kif trid u tiddisponi l-ligi hekk skond l-artikolu 510 tal-kap 16. Huwa biss l-qorti li tista tiddeciedi li id-divizjoni issir permezz ta' assenjazjoni in parte jew in toto – Id-decizjoni li d-divizjoni kollha tkun permezz biss ta assenjazjoni tispetta biss lill kondividendi kollha unanimament bejniethom jew hekk kif ordnat mill-qorti – Parti wahda jew iktar ma tistax timponi ir-rieda taghha fuq il-kondividendi l-ohrajn fir-rigward il-modalita tad-divizjoni;

(16) Illi fir-rigward tal-hames talba dina hija oggezzjonablili; l-procedura segwita mill-atturi tilledi b' l-aktar mod pales id-dritt tal-konvenuta ghal smiegh xieraq minn bniedem imparzjali u indipendenti fid-deteminazzjoni tad-drittijiet civili taghha; l-attur ma jistax

jippretendi li d-drittijiet tal-eccipjenti fid-divizjoni kif suggerit mill-atturi, ghandu jigi determinat mill-konsulent tal-attur skond rapport minnu maghmul minghajr ma biss hija kienet giet kkonsultata jew thalliet tippartecipa fil-process. Naturalment l-konvenuta ma ghandhiex oppozizzjoni ghan-nomina ta' periti sa kemm l-partijiet ma jsibux modalitajiet akkordati kif jistghu jsolvu l-vertenzi ta' bejniethom. L-eccipjenti toggezzjona ghall-imposizzjoni maghmula mill-atturi; l-atturi ghandhom kull dritt jinkarigaw il-perit taghom, kif del resto tista taghmel anke il-konvenuta, imma ma jistghux jippretendu li jimponu l-konkluzjoni tal-perit taghhom fuq kulhadd.

(17) Illi dwar is-sitt, seba u tmien talbiet dawn huma konsegwenzjali u jridu jigu determinati fil-kuntest ta' dak li jigi deciz fir-rigward tat-talbiet l-ohra u semmaj l-ordnijiet li ghandhom jinghataw taht dawk it-talbiet ghandhom jinghataw kontra l-partijiet kollha u mhux biss kontra l-intimati, halli anki huma jkunu obbligati jersqu ghad-divizjoni kif prospettata mill-Qorti; f'divizjoni kull parti huwa attur u konvenut f' l-istess hin.

(18) Illi fir-rigward ta' nomina ta' nutar l-eccipjenti thoss li huwa xieraq li f' dan il-kuntest thalli f' idejn il-Qorti u ssibha stramba li l-atturi donnhom jixtiequ jimponu l-ghazla taghhom fuq il-Qorti; naturalment huma ma ghandhomx xi opposizzjoni ghal xi nutar partikulari imma jigi biss rilevat li n-nutar Flores huwa n-nutar b' liema jahdmu l-atturi Salvino, Martin u Christopher Testaferrata Moroni Viani u ga pprepara diversi dokumenti pubblici li jinkludu aspetti li ma jaqblux maghhom l-eccipjenti u senjalatament d-dikjarazzjoni causa mortis li ppubblika fis- 7 ta' Lulju 2008 fir-rigward tal-kontenut tal-legat mholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani lill-Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani;

(19) Illi dwar nomina ta' kuraturi din ghandha tkun nomina biex il-kuraturi jirrapresentaw kull eventwali kontumaci fuq l-att finali u mhux biss lill-intimati;

(20) Illi fir-rigward ta' spejjez naturalment lis-spejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kullhadd skond sehmhu imma zgur li lis-spejjez tal-perizja unilateralment maghmula mil-atturi ma tistax tigi akkollata lill-intimati specjalment meta wiehed jikkunsidra l-mod abbusiv u minghajr kont tal-interess tal-intimata b' liema din saret; dik il-perizja fir-rigward tal-intimat hija ta' utilita ferm ambigwa u l-intimata tibza li hi intiza biex tiddanneggjha. L-intimata innifisha ikkonsultat ruhha ma esperti f' dan il-qasam u ma bghatitx il-kontijiet taghhom lil-atturi. Kull parti tbati l-ispejjez li joghgobha taghmel - dawk l-ispejjez li huma divizibili huma dawk gudizjarji.

Ghal dak li jirrigwarda l-Fatti l-eccipjenti tghid is-segwenti

i. Fir-rigward il-paragrafu wiehed tar-rikors promotur -Illi dwar dak dikjarat f' l-ewwel paragrafu - ghandu jigi precizat li l-atturi u l-konvenuti ghandhom sija prorpjeta in komuni li gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kif ukoll proprjeta ohra in komuni li giet akkwistata minnhom in komun jew giet minn provenienza ohra; dwar dak li l-atturi jirreferu ghalih bhala primogenitura irid jigi precizat li l-primogenituri gew aboliti fil 1950 u llum ma hemm l-ebda proprjeta li hija primogenjali, imma hemm proprjeta f' liema il-kondividendi ghandhom ishmijiet u interessi diversi; hemm anke proprjeta minn dik migjuba ghall-qasma f' liema xi whud mill-kondividendi ma ghandhom l-ebda sehem jew interess guridiku.

ii. Fir-rigward il-paragrafu tnejn tar-rikors promotur - jispetta lill-attur jipprova l-esistenza u l-konsistenza tal-primogenituri, imma huwa minnhu li l-primogenituri kienu gew abboliti qabel il-mewt ta' Pietro Paolo Testaferata Moroni Viani, kif ukoll li dan miet fit-18 ta' marzu

1954. Illi huwa ukoll minnhu li dan miet minghajr testament u li l-wirt tieghu ghaddha fuq l'erba' uliedu li huma: l-ewwel wild Maria li twieldet f'30 ta' April 1923, it-tieni wild Beatrice li twieldet f'5 ta'Frar 1927, it-tielet wild Salvino li twieled 19 ta' Settembru 1930 u r-raba wild Mario li twieled f'2 ta'Settembru 1932

iii. Fir-rigward il-paragrafu tlieta tar-rikors promotur - Illi ghalkemm huwa veru li ghall diversi snin proprjeta komuni tal-partijiet kienet tigi amministrata minn Salvino Testaferrata Moroni Viani, kien hemm opposizzjoni ghall tali amministazzjoni u kien hemm anke diversi ittri b' liema kien avzat li ma jistax jiffirma jew jaghmel xi ftehim dwar il-proprjeta komuni minghajr il-kunsens ta' kull wiehed mill-koproprjetarji u fil-fatt hemm anke kawzi pendenti relattiv ghall ftehim li sar minnghajr il-kunsens jew l-adesjoni tal-partijiet kollha; huwa ukoll minnhu li billi hemm proprjeta komuni li kienet giet akkwistata mill-ahwa Maria, Salvino u Mario meta huma kienu mizzewga dawk il-proprjetajiet hekk akkwistati kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn ir-rispettivi mizzewgin; f'din il-proprjeta in patikolari Dr. Martin Testaferrta Moroni Viani u Christpher Moroni Viani ma ghandhom naturalment l-ebda sehem; naturalment kull proprjeta trid tigi individwata u l-ishma f' kull proprjeta partikolarment determinati; u dan anke fid-dawl tad-diversi provenjenzi tal-proprjetajiet;

iv. Fir-rigward il-paragrafu erba tar-rikors promotur - Huwa minnu li t-tlett ulied ta' l-Barunessa Maria Testaferrata Bonici u cioe l-Markiza Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, l-Kontessa Caren Preziosi u n-nobbli Anna Maria Spiteri Debono wirtu lil-ommhom f' ishma indaqs u ghallhekk huma ghandhom terz minn kull sehem indiviz li seta kellha din fil-koproprjeta ta' bejn il-kondividendi;

v. Fir-rigward il-paragrafu hamsa tar-rikors promotur - Illi dwar is-successjoni ta' Mario Testaferrata Moroni Viani l-eccipjenti ma hiex f' posizzjoni li tikkumenta u dan huwa kwistjoni li dwaru iridu

jressqu l-provi dokumentarji l-atturi billi din hija kwistjoni li trid tigi determinata mid-dokumenti;

vi. Fir-rigward il-paragrafu sitta tar-rikors promotur - Illi dwar il-wirt ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani huwa minnu li Agnes, Caren, u Anna Maria huma werrieta taghha fi kwoti ugwali; huwa ukoll minnu li hija ghamlet il-legati fit-tieni u t-tielet artikoli tat-testment taghha, imma l-interpretazzjoni ta' dawn il-legati kif mfissra mill-atturi ma hijiex kondivisa mill-eccipjenti, billi jispetta lill-atturi juru liema proprjeta kienet tifforma parti minn dawk il-legati, u inoltre fir-rigward tal-proprjeta Casal Paola hija halliet lil Martin u Christopher is-sehem taghha ta' ottava parti minn din il-poprjeta akkont tat-terz ta' ottava parti li huma kellhom jircevu bhala legat u mhux kif jinghad fid-dikjarazzjoni oltre it-terz tal-ottav li hallietilhom bhala legat; illi kif miktub il-legat huwa ta' terz ta' ottav u l-ottav tad-dar huwa inkluz f' dak il-legat tat-terz tal-ottav. Il-legat huwa tad-dar biss u mhux ta' artijiet u bini li jistghu jkunu attigwi.

vii. Fir-rigward il-paragrafu seba tar-rikors promotur - Illi Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani ghandhom in komun mal-partijiet dawk il-proprjetajiet jew ishma fi proprjetajiet li ppervenew mill-legat tal-imsemmija Beatrice Testaferrata

viii. Moroni Viani, imma ma ghandhomx ishma in komun fil-proprjetajiet l-ohra u ghalhekk fir-rigward ta' dik id-divizjoni ta' dawn l-ahhar proprjetajiet ma jistghux jkunu parti.

ix. Fir-rigward il-paragrafu tmienja tar-rikors promotur - Illi dwar il-paragrafu 8(a) l-atturi ma humiex korretti f' dak li jallegaw ghaliex il-kliem kif miktub ma jfissirx hekk. It-testatrici hallietilhom legat wiehed biss u cioe ta' terz ta' ottava parti – meta irriferiet ghall-ottava parti tad-dar f' Casal Paola, Palazzo Testaferrata, dan jfisser li hija kienet qieghda tispecifika li dik l-ottava parti ta' dik il-

proprjeta kienet inklusa fil-legat ta' terz minn otava parti, imma il-legat huwa ta' terz minn ottava parti. Dwar il-proprjeta fil-paragrafu 8 (b) l-provenjenza ta' din il-proprjeta ma hijiex minn xi primogenitura imma hija gejja minn att ta' akkwist kif jirrisulta anke mill-att relattiv u ghallhekk ma tifformax parti minn l-ebda legat infatti dina l-art kienet originaljament giet mibjugha lill gvern u kien biss fil-5 ta' Gunju 1995 li dina l-art giet fil-patrimonju, ukoll tal-eccipjenti, izda mhux fil-patrimonju tar-rikorrenti kollha, permezz ta kuntratt ta' tpartit. Hekk skond il-kuntratt tal-5 ta' Gunju 1995 in atti Nutar Dottor Vincent Miceli. Dwar il-proprjeta fil-paragrafu 8(c) art li tigi rkuprata ma tistax tigi meqjusa bhala formanti parti minn xi primogenitura billi l-akkwist huwa derivat minn titolu ben differenti, titolu li huwa wiehed ta xiri li sehh nhar is 27 ta' Lulju 1959 (u cioe disa` snin wara l-att 12 tal-1950 li gab it-tmiem tal-primogenituri u l-fedekommess), u ghallhekk ukoll din ma tistax tifforma parti mill-legat.

x. Fir-rigward il-paragrafu disa tar-rikors promotur - Illi dwar il-kwoti imsemmija fil-paragrafu disa trid issir il-verifika u l-prova ta' dawk il-kwoti. Inoltre jigi precizat li mhux kull proprjeta hija mizmuma f' l-istess kwoti u ghallhekk anke f' dan ir-rigward trid issir id-debita precisazzjoni.

xi. Fir-rigward il-paragrafu ghaxra tar-rikors promotur - Dwar l-arblu genealogiku l-eccipjenti qieghd tannetti l-arblu taghha; pero l-arblu tar-rikorrent jaghmel prova biss tan-nisel u l-kummenti l-ohra ma jaghmlu l-ebda tip ta' prova. Jinghad ukoll li l-ordni tat-twelid tal-ahwa Maria, Beatrice, Salvino u Mario ma giex indikat korrettement mir-rikorrenti.

xii. Fir-rigward il-paragrafu hdax tar-rikors promotur - Il-posizzjoni tal-eccipjenti kienet cara u univoka u li hija kienet lesta timmettihom fil-pussess fit-termini precizi imhollija mit-testment u f' xejn izjed jew inqas.

xiii. Fir-rigward il-paragrafu tnax tar-rikors promotur - Illi dan japplika ukoll ghall-eccipjenti li ma tridx tibqa izjed in komproprjeta mal-koproprjetarji l-ohra kollha.

xiv. Fir-rigward il-paragrafu tlettax tar-rikors promotur - Illi dan huwa minnhu kif huwa minnhu, ukoll li dan sar ad insaputa u minnghajr il-kunsens tal-eccipjenti, u minghajr ebda tip ta’ avviz.

xv. Fir-rigward il-paragrafu erbatax tar-rikors promotur -Illi huwa minnhu li l-perit ghamel deskrizzjoni u pjan ta’ divizjoni flimkien ma xi whud mill-atturi, imma kompletament f’ l-assenza u minghajr il-partecipazzjoni tal-konvenuta.

xvi. Fir-rigward il-paragrafu hmistax tar-rikors promotur - Illi huwa evidenti li r-rapport tal-perit sar biex l-atturi ghazlu dik il-proprjeta li xtaqu jzommu u taw il-bqija lill-intimati; li ssaqsi lill-intimati jaqbilx wara li l-esercizzju jkun kollu sar huwa ftit il-boghod minn dahk fil-wicc. Kieku l-atturi riedu l-kooperazzjoni vera tal-intimati messhom imxew mod iehor maghhom u mhux b’ dan il-mod. L-intimati jridu li ssir pjan ta’ divisjoni fejn il-qasma tkun tista titella bix-xorti, kif inhija il-ligi u l-prassi, naturallment fir-rispett tad-dritt ta’ kull koproprjetarju li jiehu dak li haqqu.

xvii. Fir-rigward il-paragrafu sittax tar-rikors promotur - Dwar l-ittra li l-eccipjenti baghtet din intbaghtet ghaliex kien evidenti li l-esercizju ma kienx jidher li sar in bwona fede; inoltre hija ma kienitx preparata li xi hadd jiddeciedi ghaliha minghajr biss lanqas tkun ikkonsultata. Il-pjan ta’ qasma kien oggezzjonabili fin-natura tieghu stess, indipendentement mill-kontenut tieghu, minhabba l-modalita b’ liema sar – il-pjan kien wiehed ta’ parti, minnghajr il-kunsens jew l-involviment taghha bhala diretta interessata, u minnghajr ma jikkunsidra l-possibilita li l-qasma issir bix-xorti kif trid il-ligi. Ghalhekk l-ittra intbghatet mill-ewwel u kien maghmul car li hija kienet lesta li tippartecipa fil-ghemil ta’ pjan ta’ qasma fuq bazi

razzjonali imma ma kienitx preparata li tibda minn pjan ta' qasma maghmul biex jirrispekkja biss ix-xewqat ta'l-atturi biss. Anzi it-tempestivita tal-ittra turi l-*buona fede* taghha.

xviii. Fir-rigward il-paragrafu sbatax tar-rikors promotur - L-eccipjenti dejjem insistiet li hija xtaqet taghmel divizjoni imma b' l-istess mod kienet insistenti li ma kienitx preparata li taghmel id-divizjoni fuq il-pjan ta' qasma preparat mill-perit Godwin Abela.

xix. Inoltre l-esponenti tixtieq tattira l-attenzjoni tal-Qorti fir-rigward tad-degriet moghti ghall-esibizzjoni ta' dokumenti li f' din id-divizjoni huwa ferm importanti li jigu esibiti r-ricerki u d-dokumenti kollha li jipprovaw il-provenjenza u t-titolu; naturalment biex hija tordna u tottjeni dawn ir-ricerki trid iktar zmien minn dak ga koncess u ghallhekk hija, bl' akbar rispett, tirriserva li tipproduci l-istess meta dawn jkunu disponibbili fin-nuqqas li dawn jesibihom l-atturi stess kif inhuwa l-obbligu taghhom li jaghmlu, specjalment jekk dawn ir-ricerki ga jesistu fil-pussess taghhom.

xx. L-arkivju tal-proprjeta tal-familja Testaferrata Moroni Viani huwa fil-pussess tal-atturi cioe' Salvino Testaferrata Moroni Viani u ghaldaqstant m'inhix f'pozzizjoni li nesebixxi dawn id-dokumenti u m'ghandiex access ghal tali; nirreseva d-dritt biex naghmel eccezzjonijiet ulterjuri (dawn id-dokumenti ghandhom jigu divizi ukoll).

xxi. Dwar il-lista tal-oggetti in divizjoni l-esponent qieghda tannetti lista pero fiz-zmien qasir disponibbili ghaliha biex taghmel dawn l-eccezzjonijiet din tista ma tkunx komplut jew preciza u ghallhekk l-esponent tirriserva li tikkoregi din il-lista fi stadju aktar tard. Dwar il-kwoti jrid l-ewwel jkun hemm imressqa il-provi mill-atturi biex din tkun tista tigi determinata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

B' l-ingunzjoni tal-atturi ghas-subizzjoni

u

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Anna Maria Spiteri Debono**[2] ippreżentata fl-20 ta' Mejju, 2010 u jingħad kif ġej:

L-Eccezzjonijiet –

(1) Illi l-eccipjenti ma topponix ruhha ghad-divizjoni tal-propjeta` komuni, li del resto anke hija kienet ilha tinsisti ghaliha, imma topponi ruhha bl-aktar qawwa ghall-modalita` b'liema l-atturi qeghdin jissuggerixxu li ghandha ssir id-divizjoni, u cioe` li din issir skont it-tieni volum tar-rapport tal-perit AIC Godwin Abela fit-30 ta' Settembru, 2009, liema modalita` hija abbusiva u manifestament intiza biex tisvantaggja lill-eccipjenti; inoltre l-eccipjenti topponi ruhha ghall-konfuzjoni evidenti ta' provenjenzi differenti kif ukoll ta' partecipazzjoni f'parti mid-divizjonijiet minn persuni nieqsa mill-interess mehtieg, liema konfuzjoni ta' interessi guridici tinsab ukoll manifesta fid-divizjoni proposta mill-perit Abela, u dan billi l-partijiet apparti li ma ghandhomx l-istess ishma f'kull proprjeta` imma hemm ukoll proprjeta` li hija komuni bejn xi uhud mill-partijiet u mhux bejn kullhadd;

(2) Illi inoltre ma huwiex car jekk din il-kawza ta' divizjoni ta' wirt, u allura hija intiza bhala '*actio familiae eriscunde'* , jew kawza ta' divizjoni ta' proprjeta` li biss in parti tista' tkun gejja minn wirt u ghalhekk din in-nuqqas ta' kjarezza tista' tkun kawza ta' ekwivoci; inoltre, formalment trid tkun mitluba preambolarment id-divizjoni tal-wirt tal-mejjet Pietro Testaferrata Moroni Viani u martu. F'dan ir-rigward jigi notat li apparti l-

[2] Paġna 1295 et seq tal-proċess.

proprjeta` li gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, fejn jidherli l-partijiet kollha fil-kawza ghandhom interess, hemm diversi proprjetajiet li kienu gew mixtrija minn ulied l-istess Pietro Paolo in komun bejnithom, fejn mhux biss l-ishma huma differenti imma Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u Christopher Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem. L-istess jinghad ghan-nisa ta' Salvatore Testaferrata Moroni Viani u Mario Testaferrata Moroni Viani, li ma ghandhom l-ebda sehem minn dak li gej mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk f'dik id-divizjoni huma privi ta' interess waqt li ghandhom sehem bhala kopartecipi fil-kommunjoni tal-akkwisti mar-rispettivi zwieghom fejn ghandhom interess; hemm ukoll proprjetajiet derivanti minn divizjoni, dawn il-proprjetajiet huma in komuni ma' terzi fejn Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani m'ghandhomx sehem minn din il-proprjeta` u ghaldaqstant ma jistawx jigu inkluzi imma d-divizjonijiet huma u jridu jinzammu distinti legalment anke minhabba l-interess guridiku differenti tad-diversi partijiet;

(3) Illi fir-rigward tal-ewwel talba jigi rilevat li trid issir il-verifika tal-konsistenza tal-proprjeta` komuni u r-riferenza ghall-esercizzju maghmul mill-perit Godwin Abela ma hiex sufficjenti ghaliex fost hwejjeg ohra gew mhollija barra diversi drittijiet appartenti lill-proprjeta` komuni ta' liema l-kondividenti huma biss direttarji, fejn l-istess atturi anke intavolaw kawzi u instigaw lill-eccipjenti biex tippartecipa maghhom in protezzjoni ta' dawn id-drittijiet; dawn stranament ma jissemmew xejn. Fil-fatt, skond il-gurisprudenza f'liema il-kondividenti kienu ippartecipaw, jesistu proprjetajiet fejn ic-cens gie mifdi u l-kondividenti ghadhom igawdu drittijiet fuqhom li kienu imposti fil-koncessjoni enfitewtika li kienet saret originarjament. Ghal dan il-ghan iridu ukoll isiru r-ricerki pubblici kollha necessarji sabiex l-assi kollha, inkluz l-imsemmija drittijiet li jispettaw lid-direttarji, jigu kollha kristallizzati u imbaghad inkluzi f'eventuali divizjoni; inoltre l-esercizzju tal-perit Abela huwa ukoll difettuz ghaliex injora d-differenti interessi guridici li ghandha kull parti fid-diversi proprjetajiet u dan legalment ma jistax isir ghaliex b'dan il-mod jigu assenjata lil xi whud mill-kondividenti proprjetajiet f'liema huma ma

ghandhom l-ebda sehem. Dan jinghad apparti l-kritika li ssir aktar l-isfel dwar il-modalita` b'liema sar dan l-esercizzju.

(4) Illi gew ukoll inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta' divizjoni redatta mill-perit Godwin Abela li fihom ir-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem u ghalhekk ma ghandhom l-ebda interess guridiku fil-kawza proposta fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet, dawn fil-fatt huma il-bosta proprjetajiet li ma humiex dawk l-hekk imsejha proprjeta` primogeniali. Illi allura anki abbazi ta' dan il-prospett ta' divizjoni tal-Perit Abela hija monka ghaliex tassenja proprjetajiet lil persuni li ma ghandhom ebda sehem f'dawk l-istess proprjetajiet u allura jipprova jpingi kuntratt li fil-ligi huwa wiehed ta' tpartit bhala wiehed ta' divizjoni; inoltre jrid jigi rilevat ukoll li bl-istess mod Jane Testaferrata Moroni Viani u Monica Testaferrata Moroni Viani ma ghandhom l-ebda dritt ta' koproprjeta` fid-divizjoni tal-proprjeta` gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk ma ghandhomx interess guridiku f'dik id-divizjoni u minn dik id-divizjoni ghandhom jigu guridikament eskluzi;

5. Illi gew inkluzi proprjetatjiet fil-proposta ta' divizjoni redatta mill-Perit Godwin Abela li ma misshomx gew hekk inkluzi skond il-ligi peress illi dawn kienu diga gew divizi u assenjati permezz ta' divizjonijiet bejn il-partijiet permezz ta' att ta' divizjoni ricevut min-Nutar Dottor Tonio Spiteri fid-29 ta' Marzu 1988.

(6) Illi inoltre fir-rigward ta' l-esercizzju maghmul mill-perit Godwin Abela, ghalkemm l-eccipjenti ghandha rispett mill-abilita` professjonali ta' din il-persuna, dan huwa perit ex parte u ghalhekk ma jistax ikun il-persuna li jiddetermina l-modalita` shiha tad-divizjoni; l-atturi setghu facilment qabel ma sar ebda esercizzju informaw bil-hsieb taghhom lill-konvenuti u invitawhom jippartecipaw fih anke bin-nomina tal-periti taghhom. Minflok l-atturi intenzjonalment iddecidew li jaghmlu kollox bl-oppost u bil-habi u ipprocedew biex jghaddu l-inkarigu lill-perit biex ihejji divizjoni fuq modalitajiet li huma kuntenti bihom minghajr l-

konvenuti la gew konsultati la gew informati u lanqas kellhom l-icken opportunita` li jikkummentaw dwarhom; ghalhekk necessarjament dak l-esercizzju jrid jigi skartat; b'dan kollu huwa, salv li inghad iktar fuq, accettat il-bicca l-kbira tal-proprjetajiet in komun gew inkluza fil-lista tal-perit Abela, u ghalkemm trid issir verifika ghall-fini tat-titolu u pacifku pussess, l-eccipjenti taqbel li din il-lista tista sservi ta' bazi fuq xhiex wiehed jista jibni. Inoltre trid issir d-debita distinzjoni billi mhux il-proprjeta` kollha li l-kondividendi ghandhom in komun bejnithom ghandha l-istess provenjenza, u ghalhekk trid issir l-accertament tal-provenjenza anke ghall-fini tal-eventwali kuntratt ta' divizjoni u anke biex jigi determinat x'boll ghandu jithallas fuq l-istess.

(7) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif redatta mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex f'dik il-perizja ma tohrogx is-sehem tal-eccipjenti wahedha; l-eccipjenti ghandha dritt li fid-divizjoni tigi assenjata lilha proprjeta` li ma tkunx ghada aktar in komun ma l-ebda kondividend iehor, biex kull wiehed mill-kondividendi jiehu mill-proprjeta` komuni s-sehem li jisthoqqlu, u dan anke kif mehtieg skont l-artikolu 502 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex jassenja, minghajr raguni valida fil-ligi, proprjetajiet maghzula lil uhud mill-kumproprjetarji; kif ukoll fir-relazzjoni tal-perit Godwin Abela hemm proprjeta` u cnus li ma gewx inkluzi u dawn ghandhom jigu inkluzi fid-divizjoni;

(9) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex ma segwiex il-principji hekk kif stabbilit mill-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta u precizament peress illi jassenja territorji shah lil uhud mill-komproprjetarji meta dawn ma kellhomx dritt ghal tali assenjazzjoni skont il-ligi, u jekk kellhom tali dritt, dan id-dritt gie ezercitat mhux skont il-ligi ghaliex assenja estenzjonijiet kbar ta' artijiet lil uhud mill-kompropjetarji meta fil-fatt skont il-ligi dawn kellhom jigi divizi jew ghall-inqas imtella bix-xorti u mhux assenjati.

(10) Illi inoltre l-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex hija manifestament ingusta peress illi fis-sehem tal-eccipjenti gew assenjati bosta proprjetajiet li huma, jew x'aktarx li ser ikunu, milquta b'esproprijazzjoni mill-gvern, jew li huma fil-pussess ta' terzi taht titoli ta' kera u jew okkupazzjoni u li ghahekk m'hemmx il-liberu uzu tal-istess proprjeta`. Huwa car illi f'divizjoni il-kondividendi ghandhom jaqsmu skont s-sehemijiet taghhom dak kollu li hemm tajjeb u ukoll dak illi huwa inqas tajjeb jew problematiku bejnithom, u mhux illi uhud mill-kondividendi jaghzlu biss it-tajjeb u jitfghu il-problemi kollha, jew il-bicca l-kbira minnhom, go sehem wiehed biss. Kif ukoll id-divizjoni ma tistax issir fuq il-potenzjal tal-proprjeta` kif tista' tigi mibnija fil-futur, imma dak li hemm ezistenti l-perit tal-atturi qatt ma kellu jidhol fid-dettal tal-ispejjez tal-izvilupp tal-proprjeta`.

(11) Illi fir-rigward tat-tieni talba jispetta lill-atturi jaghmlu l-prova tal-ishma fil-proprjeta` li tigi identifikata bhala appartenenti lill-kondividendi in komun bejnithom u in partikolari tas-sehem li kull wiehed mill-kondividendi ghandu minn dik il-proprjeta` anke bil-prova tal-provenjenza. Naturalment in realta` dak li jinsab fit-tielet talba ghandu jipprecedi t-tieni talba billi l-immissjoni fil-pussess trid issir qabel id-determinazzjoni tal-ishma bejn il-kondividendi u d-determinazzjoni ta' dawk l-ishma imbaghad issir anke fid-dawl ta' kwalsiasi eventwali immissjoni fil-pussess; naturalment dan kollu jista' jsir anke f'kuntratt wiehed u mhux qieghed jigi suggerit li bilfors iridu jsiru zewg kuntratti fir-rigward ta' dan il-kuntest; Illi inoltre huwa l-kaz li l-kondividendi ghandhom ishma differenti f'diversi proprjetajiet u anke dan irid jigi determinat u deciz.

(12) Illi dwar l-immissjoni fil-pussess l-eccipjenti kienet u ghadha ppreparata taddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess fit-termini precizi u minghajr bdil tat-testment tat-testatrici Beatrice Testaferrata Moroni Viani

u ghalhekk ma ghandhiex tbati spejjez fir-rigward, imma fil-kuntest tat-talba kif maghmula ghandhom eccezzjonijiet ulterjuri x'jaghtu;

(13) Illi fir-rigward tal-legat imholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani jinkombi lill-atturi jipprovaw f'hiex jikkonsistu u x'inhi l-proprjeta` primogenjali, u il-konsistenza preciza ta' dawk il-legati; l-atturi jimetaformizzaw ruhhom f'imhallfin meta jippretendu li jghidu huma x'inhuma l-kontroversji bejnhom u l-eccipjenti u dan billi l-istess ghandhom jirrisultaw biss mill-eccezzjonijiet hawn sollevati; illi f'dan il-kuntest jinkombi lill-atturi li jaghmlu l-prova tal-konsistenza tal-legati kollha lilhom imhollija u mhux jillimitaw ruhhom ghad-diskussjoni ta' tlett oggetti biss. Ikun opportun illi 'prima facie' tigi determinata l-konsistenza tal-proprjeta`, l-oggett tal-legati illi fiha ghandhom jigu immessi fil-pussess il-legatarji mbaghad wiehed jghaddi ghad-divizjoni.

(14) Illi fir-rigward ta' dak li jinghad fit-talba 3i dwar il-proprjeta` maghrufa bhala Palazzo Testaferrata, hemm diversi artijiet attigwi maghha u anke dar separata li ma ppervenewx lill-kondividendi mill-wirt ta' Pietro PaolaTestaferrata Moroni Viani u ghalhekk certament mhumiex inkluza fil-legat u jista' wkoll li l-ishma fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet ikunu differenti; inoltre jigi rilevat li l-legat imholli mit-testatrici kien terz ta' ottav u ma ghamilitx it-testatrici legat ta' ottav kif qeghdin donnhom jippretendu l-atturi;

(15) Illi fir-rigward ir-raba talba l-konvenuta ma ghandiex oggezzjoni hlief li tali divizjoni issir wara li l-proprjeta` tigi maqsuma f'porzjonijiet u umbaghad tittella bix-xorti, biex l-assenjazzjoni ssir skont ix-xorti u dan kif trid u tiddisponi l-ligi hekk skont l-artikolu 510 tal-Kap 16. Huwa biss l-qorti li tista tiddeciedi li d-divizjoni ssir permezz ta' assenjazzjoni in parte jew in toto – Id-decizjoni li d-divizjoni kollha tkun permezz biss ta' assenjazzjoni tispetta biss lill-kondividendi kollha unanimament bejniethom jew hekk kif ordnat mill-qorti – Parti wahda jew iktar ma tistax timponi r-riedha taghha fuq il-kondividendi l-ohrajn fir-rigwad il-modalita` tad-divizjoni;

(16) Illi fir-rigward tal-hames talba dina hija oggezzjonabbli; l-procedura segwita mill-atturi tilledi bl-aktar mod pales id-dritt tal-konvenuta ghal smigh xieraq minn bniedem imparzjali u indipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha; l-atturi ma jistghux jippretendu li d-drittijiet tal-eccipjenti fid-divizjoni kif suggerit mill-atturi, ghandu jigi determinat mill-konsulent tal-atturi skont rapport minnhu maghmul minghajr ma biss hija kienet giet ikkonsultata jew thalliet tippartecipa fil-process. Naturalment l-konvenuta ma ghandhiex opposizzjoni ghan-nomina ta' periti sakemm il-partijiet ma jsibux modalitajiet akkordati kif jistghu jsolvu l-vertenzi ta' bejnithom. L-eccipjenti toggezzjona ghall-imposizzjoni maghmula mill-atturi; l-atturi ghandhom kull dritt jinkarigaw il-perit taghhon, kif del resto tista taghmel anke l-konvenuta, imma ma jistghux jippretendu li jimponu l-konkluzjonital-perit taghhom fuq kulhadd.

(17) Illi dwar is-sitta, seba u tmientalbiet dawn huma konsegwenzjali u jridu jigu determinati fil-kuntest ta' dak li jigi deciz fir-rigward tat-talbiet l-ohra u semmaj l-ordnijietli ghandhom jinghataw taht dawk it-talbiet ghandhom jinghataw kontra l-partijiet kollha u mhux biss kontra l-intimati, halli anki huma jkunu obbligati jersqu ghad-divizjoni kif prospettata mill-Qorti; f'divizjoni kull parti huwa attur u konvenut fl-istess hin.

(18) Illi fir-rigward ta' nomina ta' nutar l-eccipjenti thoss li huwa xieraq li f'dan il-kuntest thalli f'idejn il-Qorti u ssibha stramba li l-atturi donnhom jixtiequ jimponu l-ghazla taghhom fuq il-Qorti; naturalment huma ma ghandhomx xi opposizzjoni ghal xi nutar partikulari imma jigi biss rilevat li n-nutar Flores huwa n-nutar b'liema jahdmu l-atturi Salvino, Martin u Christopher Testaferrata Moroni Viani u gia` pprepara diversi dokumenti pubblici li jinkludu aspetti li ma jaqblux maghhom l-eccipjenti u senjatament d-dikjarazzjoni causa mortis li ppubblika fis-7 ta' Lulju 2008 fir-rigward tal-kontenut tal-legat mholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani lil Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani;

(19) Illi dwar nomina ta' kuraturi din ghandha tkun nomina biex il-kuraturi jirraprezentaw kull eventwali kontumaci fuq l-att finali u mhux biss lill-intimati;

(20) Illi fir-rigward ta' spejjez naturalment l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kulhadd skont sehmu imma zgur li l-ispejjez tal-perizja unilateralment maghmula mill-atturi ma tistax tigi akkollata lill-intimati specjalment meta wiehed jikkunsidra l-mod abbusiv u minghajr kont tal-interess tal-intimata b'liema din saret; dik il-perizja fir-rigward tal-intimata hija ta' utilita` ferm ambigwa u l-intimata tibza li hi intiza biex tiddanneggjha. L-intimata nnifisha kkonsultat ruhha ma' esperti f'dan il-qasam u ma bghatitx il-kontijiet taghhom lill-atturi. Kull parti tbati l-ispejjez li joghgobha taghmel, dawk l-ispejjez li huma divizibbli huma dawk gudizzjarji.

Ghal dawk illi jirrigwarda l-Fatti l-eccipjenti tghid is-segwenti:-

(i) Fir-rigward il-paragrafu wiehed tar-rikors promotur – illi dwar dak dikjarat fl-ewwel paragrafu – ghandu jigi precizat li l-atturi u l-konvenuti ghandhom sija proprjeta` in komuni li gejja mill-wirt ta' Pietro Paola Testaferrata Moroni Viani kif ukoll proprjeta` ohra in komuni li giet akkwistata minnhom in komun jew giet minn provenienza ohra; dwar dak li l-atturi jirreferu ghalih bhala primogenitura jrid jigi precizat li l-primogenituri gew aboliti fl-1950 u llum ma hemm l-ebda proprjeta` li hija primogenjali,imma hemm proprjeta` f'liema il-kondividendi ghandhom ishmijiet u interessi diversi; hemm anke proprjeta` minn dik migjuba ghall-qasma f'liema xi whud mill-kondividendi ma ghandhom l-ebda sehem jew interess guridiku,

(ii) Fir-rigward il-paragrafu tnejn tar-rikors promotur – jispetta lill-attur jipprova l-esistenza u l-konsistenza tal-primogenituri, imma huwa minnhu li l-primogenituri kienu gew abboliti qabel il-mewt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kif ukoll li dan miet fit-18 ta' Marzu, 1954. Illi huwa ukoll minnhu li dan miet minghajr testament u li l-wirt tieghu ghadda

fuq l-erba' uliedu li huma l-ewwel wild Maria li twieldet fit-30 t'April, 1923, it-tieni wild Beatrice li twieldet fil-5 ta' Frar, 1927, it-tielet wild Salvino li twieled fid-19 ta' Settembru, 1930 u r-raba wild Mario li twieled fit-2 ta' Settembru, 1932.

(iii) Fir-rigward il-paragrafu tlieta tar-rikors promotur - illi ghalkemm huwa veru li ghal diversi snin proprjeta` komuni tal-partijiet kienet tigi amministrata minn Salvino Testaferrata Moroni Viani, kien hemm opposizzjoni ghal tali amministrazzjoni u kien hemm anke diversi ittri b'liema kien avzat li ma jistax jiffirma jew jaghmel xi ftehim dwar il-proprjeta` komuni minghajr il-kunsens ta' kull wiehed mill-koproprjetarji u fil-fatt hemm anke kawzi pendenti relattiv ghal ftehim li sar minghajr il-kunsens jew l-adesjoni tal-partijiet kollha; huwa ukoll minnu li billi hemm proprjeta` komuni li kienet giet akkwistata mill-ahwa Maria, Salvino u Mario meta huma kienu mizzewga dawk il-proprjetajiet hekk akkwistati kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn ir-rispettivi mizzewgin; din il-proprjeta` in partikolari Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u Christopher Moroni Viani ma ghandhom naturalment l-ebda sehem, naturalment kull proprjeta` trid tigi indivdiwata u l-ishma f'kull proprjeta` partikolarment determinati; u dan anke fid-dawl tad-diversi provenjenzi tal-proprjetajiet;

(iv) Fir-rigward il-paragrafu erba tar-rikors promotur – Huwa minnu li t-tlett ulied ta' Maria Testaferrata Bonici u cioe` il-Markiza Agnes Gera Testaferrata Moroni Viani; il-Kontessa Caren Preziosi u n-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono wirtu lil ommhom f'ishma indaqs u ghalhekk huma ghandhom terz minn kull sehem indiviz li seta kellha din fil-koproprjeta` ta' bejn il-kondividendi;

(v) Fir-rigward il-paragrafu hamsa tar-rikors promotur – illi dwar is-successjoni ta' Mario Testaferrata Moroni Viani l-eccipjenti ma hiex f'posizzjoni li tikkumenta u dan huwa kwistjoni li dwaru jridu jressqu l-provi dokumentarji l-atturi billi din hija kwistjoni li trid tigi determinata mid-dokumenti;

(vi) Fir-rigward il-paragrafu sitta tar-rikors promotur – illi dwar il-wirt ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani huwa minnu li Agnes, Caren u Anna Maria huma werrieta taghha fi kwoti ugwali, huwa ukoll minnu li hija ghamlet il-legati fit-tieni u t-tielet artikoli tat-testment taghha, imma l-interpretazzjoni ta' dawn il-legati kif mfissra mill-atturi ma hijiex kondiviza mill-eccipjenti, billi jispetta lill-atturi juru liema proprjeta` kienet tifforma parti minn dawk il-legati, u inoltre fir-rigward tal-proprjeta` Casal Paola hija halliet lil Dr. Martin u Christopher is-sehem taghha ta' ottava parti minn din il-proprjeta` akkont tat-terz ta' ottava parti li huma kellhom jircievu bhala legat umhux kif jinghad fid-dikjarazzjoni oltre it-terz tal-ottav li hallietilhom bhala legat; illi kif miktub il-legat huwa ta' terz ta' ottav u l-ottav tad-dar huwa inkluz f'dak il-legat tat-terz tal-ottav. Il-legat huwa tad-dar biss u mhux ta' artijiet u bini li jistghu jkunu attigwi.

(vii) Fir-rigward il-paragrafu seba tar-rikors promotur – illi Christopher u Dottor Martin Testaferrata Moroni Viani ghandhom in komun mal-partijiet dawk il-proprjetajiet jew ishma fi proprjetajiet li ppervenew mill-legat tal-imsemmija Beatrice Testaferrata Moroni Viani, imma ma ghandhomx ishma in komun fil-proprjetajiet l-ohra u ghalhekk fir-rigward ta' dik id-divizjoni ta' dawn l-ahhar proprjetajiet ma jistghux ikunu parti.

(viii) Fir-rigward il-paragrafu tmienja tar-rikors promotur – illi dwar il-paragrafu 8(a) l-atturi ma humiex korretti f'dak li jallegaw ghaliex il-kliem kif miktub ma jfissirx hekk. It-testatrici hallietilhom legat wiehed biss u cioe` ta' terz ta' ottava parti – meta rriferit ghall-ottava parti tad-dar f'Casal Paola, Palazzo Testaferrata, dan ifisser li hija biss kienet qieghed tispecifika li dik l-ottava parti ta' dik il-proprjeta` kienet inklusa fil-legat ta' terz minn ottava parti, imma l-legat huwa ta' terz minn ottava parti. Dwar il-proprjeta` fil-paragrafu 8 (b) l-provenjenza ta' din il-propjeta` ma hijiex minn xi primogenitura imma hija gejja minn att ta' akkwist kif jirrisulta anke mill-att relattiv u ghalhekk ma tifformax parti minn l-ebda legat infatti din l-art kienet originarjament giet mibjugha lill-Gvern u kien

biss fil-5 ta’Gunju, 1995 li din l-art giet fil-patrimonju, ukoll tal-eccipjenti, izda mhux fil-patrimonju tar-rikorrenti kollha, permezz ta’ kuntratt ta’ tpartit. Hekk skont il-kuntratt tal-5 ta’ Gunju, 1995 in atti Nutar dottor Vincent Miceli. Dwar il-proprjeta` fil-paragrafu 8 c Art li tigi rkuprata ma tistax tigi meqjusa bhala formanti parti minn xi primogenitura billi l-akkwist huwa derivat minn titolu ben differenti, titolu li huwa wiehed ta’ xiri li sehh nhar is-27 ta’ Lulju, 1959 (u cioe` disa’ snin wara l-att 12 tal-1950 li gab it-tmiem tal-primogenituri u l-fedekommess), u ghalhekk ukoll din ma tistax tifforma parti mill-legat.

(ix) Fir-rigward il-paragrafu disa tar-rikors promotur - illi dwar il-kwoti imsemmija fil-paragrafu disa trid issir il-verifika u l-prova ta’ dawk il-kwoti. Inoltre jigi precizat li mhux kull proprjeta` hija mizmuma fl-istess kwoti u ghalhekk anke f’dan ir-rigward trid issir id-debita precisazzjoni .

(x) Fir-rigward il-paragrafu ghaxra tar-rikors promotur – dwar l-arblu genealogiku l-eccipjenti qeghda tannetti l-arblu taghha; pero` l-arblu tar-rikorrenti jaghmel prova biss tan-nisel u l-kummenti l-ohra ma jaghmlu l-ebda tip ta’ prova. Jinghad ukoll illi l-ordni tat-twelid ta’ Maria, Beatrice, Salvino u Mario ma gietx indikata korrettament mir-rikorrenti.

(xi) Fir-rigward il-paragrafu hdax tar-rikors promotur – il-posizzjoni tal-eccipjenti kienet cara u univoka u li hija kienet lest timmettihom fil-pussess fit-termini precizi imhollija mit-testment u f’xejn izjed jew inqas.

(xii) Fir-rigward il-paragrafu tnax tar-rikors promotur – illi dan japplika ukoll ghall-eccipjenti li ma tridx tibqa izjed in komproprjeta` mal-koproprjetarji l-ohra kollha.

(xiii) Fir-rigward il-paragrafu tlettax tar-rikors promotur - illi dan huwa minnu kif huwa minnu ukoll li dan sar ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-eccipjenti, u minghajr ebda tip ta’ avviz.

(xiv) Fir-rigward il-paragrafu erbatax tar-rikors promotur – illi huwa minnu li l-perit ghamel deskrizzjoni u pjan ta' divizjoni flimkien ma xi whud mill-atturi imma kompletament fl-assenza u minghajr il-partecipazzjoni tal-konvenuta.

(xv) Fir-rigward il-paragrafu hmistax tar-rikors promotur – illi huwa evidenti li r-rapport tal-perit sar biex l-atturi ghazlu dik il-proprjeta` li xtaqu jzommu u taw il-bqija lill-intimati; li ssaqsi lill-intimati jaqbilx wara li l-esercizzju jkun kollu sar huwa ftit il-boghod minn dahk fil-wicc. Kieku l-atturi riedu l-kooperazzjoni vera tal-intimati messhom imxew mod iehor maghhom u mhux b'dan il-mod. L-intimati jridu li jsir pjan ta' divizjoni fejn il-qasma tkun tista titella bix-xorti, kif inhija l-ligi u l-prassi, naturalment fir-rispett tad-dritt ta' kull koproprjetarju li jiehu dak li haqqu.

(xvi) Illi l-eccipjenti meta interpellata taddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess dejjem talbet u insistiet ghall-'bozza' tal-kuntratt biex tkun tista taghmel il-verifiki necessarji pero` qatt ma rcevietha.

(xvii) Inoltre l-esponenti tixtieq tattira l-attenzjoni tal-Qorti fir-rigward tad-digriet moghti ghall-esibizzjoni ta' dokumenti li f'din id-divizjoni huwa ferm importanti li jigu esibiti r-ricerki u d-dokumenti kollha li jipprovaw il-provenjenza u t-titolu; naturalment biex hija tordna u tottjeni dawn ir-ricerki trid iktar zmien minn dak ga koncess u ghalhekk, hija, b'akbar rispett, tirriserva li tipproduci l-istess meta dawn jkunu disponibbli fin-nuqqas li dawn jesibihom l-atturi stess kif inhuwa l-obbligu taghhom li jaghmlu, specjalement jekk dawn ir-ricerki ga jezistu fil-pussess taghhom.

(xviii) L-arkivju tal-proprjeta` tal-familja Testaferrata Moroni Viani huwa fil-pussess tal-atturi cioe` Salvino Testaferrata Moroni Viani u ghaldaqstant m'inhix f'pozizzjoni li nesebixxi dawn id-dokumenti u m'ghandiex access ghal tali; nirriserva d-dritt biex naghmel eccezzjonijiet ulterjuri (dawn id-dokumenti ghandhom jigu divizi ukoll).

(xix) Dwar il-lista tal-oggetti in divizjoni l-esponent qieghed jannetti lista pero` fiz-zmien qasir disponibbili ghalih biex jaghmel dawn l-eccezzjonijiet din tista' ma tkunx komplut jew preciza u ghalhekk l-esponent jirriserva li jikkoregi din il-lista fi stadju aktar tard. Dwar il-kwoti jrid l-ewwel jkun hemm imressqa il-provi mill-atturi biex din tkun tista tigi determinata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ingunzjoni tal-atturi ghas-subizzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' Caren Preziosi**[3] ippreżentata fil-31 ta' Mejju, 2010 u jingħad kif ġej:

L-eccezzjonijiet:

(1) Illi l-eccipjenti ma toponix ruhha ghad-divizjoni komuni, li del resto anke hija kienet ilha tinsisti ghaliha, imma topponi ruhha bl-aktar qawwa ghall-modalita` b'liema l-atturi qeghdin jissuggerixxu li ghandha ssir din id-divizjoni, u cioe` li din issir skont it-tieni volum tar-rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru, 2009 liema modalita` hija abbusiva u manifestament intiza biex tisvantaggja lill-eccipjenti; inoltre l-eccipjenti topponi ruhha ghall-konfuzjoni evidenti ta' provenjenzi differenti kif ukoll ta' partecipazzjoni f'parti mid-divizjonijiet minn persuni nieqsa mill-interess mehtieg, liema konfuzjoni ta' interessi guridici tinsab ukoll manifesta fid-divizjoni proposta mill-perit Abela, u dan billi l-partijiet li ma ghandhomx l-istess ishma f'kull proprjeta` imma hemm ukoll proprjeta` li hija komuni bejn xi whud mill-partijiet u mhux bejn kulhadd;

[3] Paġna 1362 et seq tal-proċess.

(2) Illi inoltre ma huwiex car jekk din il-kawza ta' divizjoni ta' wirt, u allura hija intiza bhala '*actio familiae eriscunde*', jew kawza ta' divizjoni ta' proprjeta` li biss in parti tista tkun gejja minn wirt u ghalhekk din in-nuqqas ta' kjarezza tista tkun kawza ta' ekwivoci; inoltre, formalment trid tkun mitluba preambolarment id-divizjoni tal-wirt tal-mejjet Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u martu. F'dan ir-rigward jigi notat li apparti l-proprjeta` li gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, fejn jidher li l-partijiet kollha fil-kawza ghandhom interess, hemm diversi proprjetajiet li kienu gew mixtrija minn ulied l-istess Pietro Paolo in komun bejnithom, fejn mhux biss l-ishma huma differenti imma Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u Christopher Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem. L-istess jinghad ghan-nisa ta' Salvatore Testaferrata Moroni Viani u Mario Testaferrata Moroni Viani, li ma ghandhom l-ebda sehem minn dak li gej mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk f'dik id-divizjoni huma privi ta' interess waqt li ghandhom sehem bhala kopartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti mar-rispettivi zwieghom fejn ghandhom interess; hemm ukoll proprjetajiet derivanti minn divizjoni, dawn il-proprjetajiet derivanti minn divizjoni, dawn il-proprjetajiet huma in komuni ma terzi fejn Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani m'ghandhomx sehem minn din il-proprjeta` u ghaldaqstant ma jistawx jigu inkluzi imma d-divizjonijiet huma u jridu jinzammu distinti legalment anke minhabba l-interess guridiku differenti tad-diversi partijiet;

(3) Illi fir-rigward tal-ewwel talba jigi rilevat li trid issir il-verifika tal-konsistenza tal-proprjeta` komuni u r-riferenza ghall-esercizzju maghmul mill-perit Godwin Abela ma hiex sufficjenti ghaliex fost hwejjeg ohra gew mhollija barra diversi drittijiet appartenti lill-proprjeta` komuni ta' liema l-kondividendi huma biss direttarji, fejn l-istess atturi anke intavolaw kawzi u instigaw lill-eccipjenti biex tippartecipa maghhom in protezzjoni ta' dawn id-drittijiet; dawn stranament ma jissemmew xejn. Fil-fatt, skont il-gurisprudenza f'liema il-kondividendi kienu ppartecipaw, jezistu proprjetajiet fejn ic-cens gie mifdi u l-kondividendi ghadhom igawdu drittijiet fuqhom li kienu imposti fil-koncessjoni enfitewtika li kienet saret

originarjament. Ghal dan il-ghan irridu ukoll isiru r-ricerki pubblici kollha necessarji sabiex l-assi kollu, inkluz l-imsemmija drittijiet li jispettaw lid-direttarji, jigu kollha kristallizzati u umbaghad inkluzi f'eventuali divizjoni; inoltre l-esercizzju tal-perit Abela huwa ukoll difettuz ghax injora d-differenti interessi guridici li ghandha kull parti fid-diversi proprjetajiet u dan legalment ma jistax jsir ghaliex b'dan il-mod jigu assenjata lil xi whud mill-kondividendi proprjetajiet f'liema huma ma ghandhom l-ebda sehem. Dan jinghad apparti l-kritika li ssir aktar l-isfel dwar il-modalita` b'liema sar dan l-ezercizzju.

(4) Illi gew ukoll inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta' divizjoni redatta mill-perit Godwin Abela li fihom ir-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem u ghalhekk ma ghandhom l-ebda interess guridku fil-kawza proposta fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet, dawn fil-fatt huma l-bosta proprjetajiet li ma humiex dawk l-hekk imsejha proprjeta` primogeniali. Illi allura anki abbazi ta' dan il-prospett ta' divizjoni tal-Perit Abela hija monka ghaliex tassenja proprjetajiet lil persuni li ma ghandhom ebda sehem f'dawk l-istess proprjetajiet u allura jipprova ipingi kuntratt li fil-ligi huwa wiehed ta' tpartit bhala wiehed ta' divizjoni; inoltre jrid jigi rilevat ukoll li bl-istess mod Jane Testaferrata Moroni Viani u Monica Testaferrata Moroni Viani ma ghandhom l-ebda dritt ta' koproprjeta` fid-divizjoni tal-proprjeta` gejja mill-wirt ta' Pietro Paola Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk ma ghandhomx interess guridiku f'dik id-divizjoni u minn dik id-divizjoni ghandhom jigu guridikament eskluzi;

(5) Illi gew inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta' divizjoni redatta mill-Perit Godwin Abela li ma misshomx gew hekk inkluzi skont il-ligi peress illi dawn kienu diga gew divizi u assenjati permezz ta' divizjonijiet bejn il-partijiet permezz ta' att ta'divizjoni ricevut minn Nutar Dottor Tonio Spiteri fid 29 ta' Marzu, 1988.

(6) Illi inoltre fir-rigward ta' l-esercizzju maghmul mill-perit Godwin Abela, ghalkemm l-eccipjenti ghandha rispett mill-abilita` professjonali

ta' din il-persuna, dan huwa perit ex parte u ghalhekk ma jistax ikun il-persuna li jiddetermina l-modalita` shiha tad-divizjoni; l-atturi setghu facilment qabel ma sar ebda esercizzju informaw bil-hsieb taghhom lill-konvenuti u invitawhom jippartecipaw fih anke bin-nomina tal-periti taghhom. Minflok l-atturi intenzjonalment iddecidew li jaghmlu kollox bl-oppost u bil-habi u ipprocedew biex jghaddu l-inkarigu lill-perit biex ihejji divizjoni fuq modalitajiet li huma kuntenti bihom minghajr l-konvenuti la gew konsultati la gew informati u lanqas kellhom l-icken opportunita` li jikkummentaw dwarhom; ghalhekk necessarjament dak l-esercizzju jrid jigi skartat; b'dan kollu huwa, salv li inghad iktar fuq, accettat il-bicca l-kbira tal-proprjetajiet in komun gew inkluza fil-lista tal-perit Abela, u ghalkemm trid issir verifika ghall-fini tat-titolu u pacifku pussess, l-eccipjenti taqbel li din il-lista tista sservi ta' bazi fuq xhiex wiehed jista jibni. Inoltre trid issir d-debita distinzjoni billi mhux il-proprjeta` kollha li l-kondividendi ghandhom in komun bejnithom ghandha l-istess provenjenza, u ghalhekk trid issir l-accertament tal-provenjenza anke ghall-fini tal-eventwali kuntratt ta' divizjoni u anke biex jigi determinat x'boll ghandu jithallas fuq l-istess.

(7) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif redatta mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex f'dik il-perizja ma tohrogx is-sehem tal-eccipjenti wahedha; l-eccipjenti ghandha dritt li fid-divizjoni tigi assenjata lilha proprjeta` li ma tkunx ghada aktar in komun ma l-ebda kondividend iehor, biex kull wiehed mill-kondividendi jiehu mill-proprjeta` komuni s-sehem li jisthoqqlu, u dan anke kif mehtieg skont l-artikolu 502 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex jassenja, minghajr raguni valida fil-ligi, proprjetajiet maghzula lil uhud mill-kumproprjetarji; kif ukoll fir-relazzjoni tal-perit Godwin Abela hemm proprjeta` u cnus li ma gewx inkluzi u dawn ghandhom jigu inkluzi fid-divizjoni;

(9) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex ma segwiex il-princippji hekk kif stabbilit mill-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta u precizament peress illi jassenja territorji shah lil uhud mill-komproprjetarji meta dawn ma kellhomx dritt ghal tali assenjazzjoni skont il-ligi, u jekk kellhom tali dritt, dan id-dritt gie ezercitat mhux skont il-ligi ghaliex assenja estenzjonijiet kbar ta' artijiet lil uhud mill-kompropjetarji meta fil-fatt skont il-ligi dawn kellhom jigi divizi jew ghall-inqas imtella bix-xorti u mhux assenjati.

(10) Illi inoltre l-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skont il-ligi ghaliex hija manifestament ingusta peress illi fis-sehem tal-eccipjenti gew assenjati bosta proprjetajiet li huma, jew x'aktarx li ser ikunu, milquta b'esproprijazzjoni mill-gvern, jew li huma fil-pussess ta' terzi taht titoli ta' kera u jew okkupazzjoni u li ghahekk m'hemmx il-liberu uzu tal-istess proprjeta`. Huwa car illi f'divizjoni il-kondividendi ghandhom jaqsmu skont s-sehemijiet taghhom dak kollu li hemm tajjeb u ukoll dak illi huwa inqas tajjeb jew problematiku bejnithom, u mhux illi uhud mill-kondividendi jaghzlu biss it-tajjeb u jitfghu il-problemi kollha, jew il-bicca l-kbira minnhom, go sehem wiehed biss. Kif ukoll id-divizjoni ma tistax issir fuq il-potenzjal tal-proprjeta` kif tista' tigi mibnija fil-futur, imma dak li hemm ezistenti l-perit tal-atturi qatt ma kellu jidhol fid-dettal tal-ispejjez tal-izvilupp tal-proprjeta`.

(11) Illi fir-rigward tat-tieni talba jispetta lill-atturi jaghmlu l-prova tal-ishma fil-proprjeta` li tigi identifikata bhala appartenenti lill-kondividendi in komun bejnithom u in partikolari tas-sehem li kull wiehed mill-kondividendi ghandu minn dik il-proprjeta` anke bil-prova tal-provenjenza. Naturalment in realta` dak li jinsab fit-tielet talba ghandu jipprecedi t-tieni talba billi l-immissjoni fil-pussess trid issir qabel id-determinazzjoni tal-ishma bejn il-kondividendi u d-determinazzjoni ta' dawk l-ishma imbaghad issir anke fid-dawl ta' kwalsiasi eventwali immissjoni fil-pussess; naturalment dan kollu jista' jsir anke f'kuntratt wiehed u mhux qieghed jigi suggerit li bilfors iridu jsiru zewg kuntratti fir-

rigward ta’ dan il-kuntest; Illi inoltre huwa l-kaz li l-kondividendi ghandhom ishma differenti f’diversi proprjetajiet u anke dan irid jigi determinat u deciz.

(12) Illi dwar l-immissjoni fil-pussess l-eccipjenti kienet u ghadha ppreparata taddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess fit-termini precizi u minghajr bdil tat-testment tat-testatrici Beatrice Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk ma ghandhiex tbati spejjez fir-rigward, imma fil-kuntest tat-talba kif maghmula ghandhom eccezzjonijiet ulterjuri x’jaghtu;

(13) Illi fir-rigward tal-legat imholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani jinkombi lill-atturi jipprovaw f’hiex jikkonsistu u x’inhi l-proprjeta` primogenjali, u il-konsistenza preciza ta’ dawk il-legati; l-atturi jimetaformizzaw ruhhom f’imhallfin meta jippretendu li jghidu huma x’inhuma l-kontroversji bejnhom u l-eccipjenti u dan billi l-istess ghandhom jirrisultaw biss mill-eccezzjonijiet hawn sollevati; illi f’dan il-kuntest jinkombi lill-atturi li jaghmlu l-prova tal-konsistenza tal-legati kollha lilhom imhollija u mhux jillimitaw ruhhom ghad-diskussjoni ta’ tlett oggetti biss. Ikun opportun illi ‘prima facie’ tigi determinata l-konsistenza tal-proprjeta`, l-oggett tal-legati illi fiha ghandhom jigu immessi fil-pussess il-legatarji mbaghad wiehed jghaddi ghad-divizjoni.

(14) Illi fir-rigward ta’ dak li jinghad fit-talba 3i dwar il-proprjeta` maghrufa bhala Palazzo Testaferrata, hemm diversi artijiet attigwi maghha u anke dar separata li ma ppervenewx lill-kondividendi mill-wirt ta’ Pietro PaolaTestaferrata Moroni Viani u ghalhekk certament mhumiex inkluza fil-legat u jista’ wkoll li l-ishma fir-rigward ta’ dawn il-proprjetajiet ikunu differenti; inoltre jigi rilevat li l-legat imholli mit-testatrici kien terz ta’ ottav u ma ghamilitx it-testatrici legat ta’ ottav kif qeghdin donnhom jippretendu l-atturi;

(15) Illi fir-rigward ir-raba talba l-konvenuta ma ghandiex oggezzjoni hlief li tali divizjoni issir wara li l-proprjeta` tigi maqsuma f’porzjonijiet u umbaghad tittella bix-xorti, biex l-assenjazzjoni ssir skont ix-xorti u dan

kif trid u tiddisponi l-ligi hekk skont l-artikolu 510 tal-Kap 16. Huwa biss l-qorti li tista tiddeciedi li d-divizjoni ssir permezz ta' assenjazzjoni in parte jew in toto – Id-decizjoni li d-divizjoni kollha tkun permezz biss ta' assenjazzjoni tispetta biss lill-kondividendi kollha unanimament bejniethom jew hekk kif ordnat mill-qorti – Parti wahda jew iktar ma tistax timponi r-riedha taghha fuq il-kondividendi l-ohrajn fir-rigwad il-modalita` tad-divizjoni;

(16) Illi fir-rigward tal-hames talba dina hija oggezzjonabbli; l-procedura segwita mill-atturi tilledi bl-aktar mod pales id-dritt tal-konvenuta ghal smigh xieraq minn bniedem imparzjali u indipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha; l-atturi ma jistghux jippretendu li d-drittijiet tal-eccipjenti fid-divizjoni kif suggerit mill-atturi, ghandu jigi determinat mill-konsulent tal-atturi skont rapport minnhu maghmul minghajr ma biss hija kienet giet ikkonsultata jew thalliet tippartecipa fil-process. Naturalment l-konvenuta ma ghandhiex opposizzjoni ghan-nomina ta' periti sakemm il-partijiet ma jsibux modalitajiet akkordati kif jistghu jsolvu l-vertenzi ta' bejnithom. L-eccipjenti toggezzjona ghall-imposizzjoni maghmula mill-atturi; l-atturi ghandhom kull dritt jinkarigaw il-perit taghhon, kif del resto tista taghmel anke l-konvenuta, imma ma jistghux jippretendu li jimponu l-konkluzjonital-perit taghhom fuq kulhadd.

(17) Illi dwar is-sitta, seba u tmientalbiet dawn huma konsegwenzjali u jridu jigu determinati fil-kuntest ta' dak li jigi deciz fir-rigward tat-talbiet l-ohra u semmaj l-ordnijietli ghandhom jinghataw taht dawk it-talbiet ghandhom jinghataw kontra l-partijiet kollha u mhux biss kontra l-intimati, halli anki huma jkunu obbligati jersqu ghad-divizjoni kif prospettata mill-Qorti; f'divizjoni kull parti huwa attur u konvenut fl-istess hin.

(18) Illi fir-rigward ta' nomina ta' nutar l-eccipjenti thoss li huwa xieraq li f'dan il-kuntest thalli f'idejn il-Qorti u ssibha stramba li l-atturi donnhom jixtiequ jimponu l-ghazla taghhom fuq il-Qorti; naturalment huma ma ghandhomx xi opposizzjoni ghal xi nutar partikulari imma jigi biss rilevat li n-nutar Flores huwa n-nutar b'liema jahdmu l-atturi Salvino, Martin u

Christopher Testaferrata Moroni Viani u gia` pprepara diversi dokumenti pubblici li jinkludu aspetti li ma jaqblux maghhom l-eccipjenti u senjatament d-dikjarazzjoni causa mortis li ppubblika fis-7 ta' Lulju 2008 fir-rigward tal-kontenut tal-legat mholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani lil Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani;

(19) Illi dwar nomina ta' kuraturi din ghandha tkun nomina biex il-kuraturi jirraprezentaw kull eventwali kontumaci fuq l-att finali u mhux biss lill-intimati;

(20) Illi fir-rigward ta' spejjez naturalment l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kulhadd skont sehmu imma zgur li l-ispejjez tal-perizja unilateralment maghmula mill-atturi ma tistax tigi akkollata lill-intimati specjalment meta wiehed jikkunsidra l-mod abbusiv u minghajr kont tal-interess tal-intimata b'liema din saret; dik il-perizja fir-rigward tal-intimata hija ta' utilita` ferm ambigwa u l-intimata tibza li hi intiza biex tiddanneggjha. L-intimata nnifisha kkonsultat ruhha ma' esperti f'dan il-qasam u ma bghatitx il-kontijiet taghhom lill-atturi. Kull parti tbati l-ispejjez li joghgobha taghmel, dawk l-ispejjez li huma divizibbli huma dawk gudizzjarji.

Ghal dawk illi jirrigwarda l-Fatti l-eccipjenti tghid is-segwenti:-

(i) Fir-rigward il-paragrafu wiehed tar-rikors promotur – illi dwar dak dikjarat fl-ewwel paragrafu – ghandu jigi precizat li l-atturi u l-konvenuti ghandhom sija proprjeta` in komuni li gejja mill-wirt ta' Pietro Paola Testaferrata Moroni Viani kif ukoll proprjeta` ohra in komuni li giet akkwistata minnhom in komun jew giet minn provenienza ohra; dwar dak li l-atturi jirreferu ghalih bhala primogenitura jrid jigi precizat li l-primogenituri gew aboliti fl-1950 u llum ma hemm l-ebda proprjeta` li hija primogenjali,imma hemm proprjeta` f'liema il-kondividendi ghandhom ishmijiet u interessi diversi; hemm anke proprjeta` minn dik migjuba ghall-qasma f'liema xi whud mill-kondividendi ma ghandhom l-ebda sehem jew interess guridiku,

(ii) Fir-rigward il-paragrafu tnejn tar-rikors promotur – jispetta lill-attur jipprova l-esistenza u l-konsistenza tal-primogenituri, imma huwa minnhu li l-primogenituri kienu gew abboliti qabel il-mewt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kif ukoll li dan miet fit-18 ta' Marzu, 1954. Illi huwa ukoll minnhu li dan miet minghajr testament u li l-wirt tieghu ghadda fuq l-erba' uliedu li huma l-ewwel wild Maria li twieldet fit-30 t'April, 1923, it-tieni wild Beatrice li twieldet fil-5 ta' Frar, 1927, it-tielet wild Salvino li twieled fid-19 ta' Settembru, 1930 u r-raba wild Mario li twieled fit-2 ta' Settembru, 1932.

(iii) Fir-rigward il-paragrafu tlieta tar-rikors promotur - illi ghalkemm huwa veru li ghal diversi snin proprjeta` komuni tal-partijiet kienet tigi amministrata minn Salvino Testaferrata Moroni Viani, kien hemm opposizzjoni ghal tali amministrazzjoni u kien hemm anke diversi ittri b'liema kien avzat li ma jistax jiffirma jew jaghmel xi ftehim dwar il-proprjeta` komuni minghajr il-kunsens ta' kull wiehed mill-koproprjetarji u fil-fatt hemm anke kawzi pendenti relattiv ghal ftehim li sar minghajr il-kunsens jew l-adesjoni tal-partijiet kollha; huwa ukoll minnu li billi hemm proprjeta` komuni li kienet giet akkwistata mill-ahwa Maria, Salvino u Mario meta huma kienu mizzewga dawk il-proprjetajiet hekk akkwistati kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn ir-rispettivi mizzewgin; din il-proprjeta` in partikolari Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u Christopher Moroni Viani ma ghandhom naturalment l-ebda sehem, naturalment kull proprjeta` trid tigi indivdiwata u l-ishma f'kull proprjeta` partikolarment determinati; u dan anke fid-dawl tad-diversi provenjenzi tal-proprjetajiet;

(iv) Fir-rigward il-paragrafu erba tar-rikors promotur – Huwa minnu li t-tlett ulied ta' Maria Testaferrata Bonici u cioe` il-Markiza Agnes Gera Testaferrata Moroni Viani; il-Kontessa Caren Preziosi u n-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono wirtu lil ommhom f'ishma indaqs u ghalhekk huma ghandhom terz minn kull sehem indiviz li seta kellha din fil-koproprjeta` ta' bejn il-kondividendi;

(v) Fir-rigward il-paragrafu hamsa tar-rikors promotur – illi dwar is-successjoni ta' Mario Testaferrata Moroni Viani l-eccipjenti ma hiex f'posizzjoni li tikkumenta u dan huwa kwistjoni li dwaru jridu jressqu l-provi dokumentarji l-atturi billi din hija kwistjoni li trid tigi determinata mid-dokumenti;

(vi) Fir-rigward il-paragrafu sitta tar-rikors promotur – illi dwar il-wirt ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani huwa minnu li Agnes, Caren u Anna Maria huma werrieta taghha fi kwoti ugwali, huwa ukoll minnu li hija ghamlet il-legati fit-tieni u t-tielet artikoli tat-testment taghha, imma l-interpretazzjoni ta' dawn il-legati kif mfissra mill-atturi ma hijiex kondiviza mill-eccipjenti, billi jispetta lill-atturi juru liema proprjeta` kienet tifforma parti minn dawk il-legati, u inoltre fir-rigward tal-proprjeta` Casal Paola hija halliet lil Dr. Martin u Christopher is-sehem taghha ta' ottava parti minn din il-proprjeta` akkont tat-terz ta' ottava parti li huma kellhom jircievu bhala legat umhux kif jinghad fid-dikjarazzjoni oltre it-terz tal-ottav li hallietilhom bhala legat; illi kif miktub il-legat huwa ta' terz ta' ottav u l-ottav tad-dar huwa inkluz f'dak il-legat tat-terz tal-ottav. Il-legat huwa tad-dar biss u mhux ta' artijiet u bini li jistghu jkunu attigwi.

(vii) Fir-rigward il-paragrafu seba tar-rikors promotur – illi Christopher u Dottor Martin Testaferrata Moroni Viani ghandhom in komun mal-partijiet dawk il-proprjetajiet jew ishma fi proprjetajiet li ppervenew mill-legat tal-imsemmija Beatrice Testaferrata Moroni Viani, imma ma ghandhomx ishma in komun fil-proprjetajiet l-ohra u ghalhekk fir-rigward ta' dik id-divizjoni ta' dawn l-ahhar proprjetajiet ma jistghux ikunu parti.

(viii) Fir-rigward il-paragrafu tmienja tar-rikors promotur – illi dwar il-paragrafu 8(a) l-atturi ma humiex korretti f'dak li jallegaw ghaliex il-kliem kif miktub ma jfissirx hekk. It-testatrici hallietilhom legat wiehed biss u cioe` ta' terz ta' ottava parti – meta rriferit ghall-ottava parti tad-dar f'Casal Paola, Palazzo Testaferrata, dan ifisser li hija biss kienet qieghed

tispecifika li dik l-ottava parti ta' dik il-proprjeta` kienet inklusa fil-legat ta' terz minn ottava parti, imma l-legat huwa ta' terz minn ottava parti. Dwar il-proprjeta` fil-paragrafu 8 (b) l-provenjenza ta' din il-propjeta` ma hijiex minn xi primogenitura imma hija gejja minn att ta' akkwist kif jirrisulta anke mill-att relattiv u ghalhekk ma tifformax parti minn l-ebda legat infatti din l-art kienet originarjament giet mibjugha lill-Gvern u kien biss fil-5 ta'Gunju, 1995 li din l-art giet fil-patrimonju, ukoll tal-eccipjenti, izda mhux fil-patrimonju tar-rikorrenti kollha, permezz ta' kuntratt ta' tpartit. Hekk skont il-kuntratt tal-5 ta' Gunju, 1995 in atti Nutar dottor Vincent Miceli. Dwar il-proprjeta` fil-paragrafu 8 c Art li tigi rkuprata ma tistax tigi meqjusa bhala formanti parti minn xi primogenitura billi l-akkwist huwa derivat minn titolu ben differenti, titolu li huwa wiehed ta' xiri li sehh nhar is-27 ta' Lulju, 1959 (u cioe` disa' snin wara l-att 12 tal-1950 li gab it-tmiem tal-primogerituri u l-fedekommess), u ghalhekk ukoll din ma tistax tifforma parti mill-legat.

(ix) Fir-rigward il-paragrafu disa tar-rikors promotur - illi dwar il-kwoti imsemmija fil-paragrafu disa trid issir il-verifika u l-prova ta' dawk il-kwoti. Inoltre jigi precizat li mhux kull proprjeta` hija mizmuma fl-istess kwoti u ghalhekk anke f'dan ir-rigward trid issir id-debita precisazzjoni .

(x) Fir-rigward il-paragrafu ghaxra tar-rikors promotur – dwar l-arblu genealogiku l-eccipjenti qeghda tannetti l-arblu taghha; pero` l-arblu tar-rikorrenti jaghmel prova biss tan-nisel u l-kummenti l-ohra ma jaghmlu l-ebda tip ta' prova. Jinghad ukoll illi l-ordni tat-twelid ta' Maria, Beatrice, Salvino u Mario ma gietx indikata korrettament mir-rikorrenti.

(xi) Fir-rigward il-paragrafu hdax tar-rikors promotur – il-posizzjoni tal-eccipjenti kienet cara u univoka u li hija kienet lest timmettihom fil-pussess fit-termini precizi imhollija mit-testment u f'xejn izjed jew inqas.

(xii) Fir-rigward il-paragrafu tnax tar-rikors promotur – illi dan japplika ukoll ghall-eccipjenti li ma tridx tibqa izjed in komproprjeta` mal-koproprjetarji l-ohra kollha.

(xiii) Fir-rigward il-paragrafu tlettax tar-rikors promotur - illi dan huwa minnu kif huwa minnu ukoll li dan sar ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-eccipjenti, u minghajr ebda tip ta' avviz.

(xiv) Fir-rigward il-paragrafu erbatax tar-rikors promotur – illi huwa minnu li l-perit ghamel deskrizzjoni u pjan ta' divizjoni flimkien ma xi whud mill-atturi imma kompletament fl-assenza u minghajr il-partecipazzjoni tal-konvenuta.

(xv) Fir-rigward il-paragrafu hmistax tar-rikors promotur – illi huwa evidenti li r-rapport tal-perit sar biex l-atturi ghazlu dik il-proprjeta` li xtaqu jzommu u taw il-bqija lill-intimati; li ssaqsi lill-intimati jaqbilx wara li l-esercizzju jkun kollu sar huwa ftit il-boghod minn dahk fil-wicc. Kieku l-atturi riedu l-kooperazzjoni vera tal-intimati messhom imxew mod iehor maghhom u mhux b'dan il-mod. L-intimati jridu li jsir pjan ta' divizjoni fejn il-qasma tkun tista titella bix-xorti, kif inhija l-ligi u l-prassi, naturalment fir-rispett tad-dritt ta' kull koproprjetarju li jiehu dak li haqqu.

(xvi) Illi l-eccipjenti meta interpellata taddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess dejjem talbet u insistiet ghall-'bozza' tal-kuntratt biex tkun tista taghmel il-verifiki necessarji pero` qatt ma rcevietha.

(xvii) Inoltre l-esponenti tixtieq tattira l-attenzjoni tal-Qorti fir-rigward tad-digriet moghti ghall-esibizzjoni ta' dokumenti li f'din id-divizjoni huwa ferm importanti li jigu esibiti r-ricerki u d-dokumenti kollha li jipprovaw il-provenjenza u t-titolu; naturalment biex hija tordna u tottjeni dawn ir-ricerki trid iktar zmien minn dak ga koncess u ghalhekk, hija, b'akbar rispett, tirriserva li tipproduci l-istess meta dawn jkunu disponibbli fin-nuqqas li dawn jesibihom l-atturi stess kif inhuwa l-obbligu taghhom li jaghmlu, specjalement jekk dawn ir-ricerki ga jezistu fil-pussess taghhom.

(xviii) L-arkivju tal-proprjeta` tal-familja Testaferrata Moroni Viani huwa fil-pussess tal-atturi cioe` Salvino Testaferrata Moroni Viani u ghaldaqstant m'inhix f'pozizzjoni li nesebixxi dawn id-dokumenti u m'ghandiex access ghal tali; nirriserva d-dritt biex naghmel eccezzjonijiet ulterjuri (dawn id-dokumenti ghandhom jigu divizi ukoll).

(xix) Dwar il-lista tal-oggetti in divizjoni l-esponent qieghed jannetti lista pero` fiz-zmien qasir disponibbili ghalih biex jaghmel dawn l-eccezzjonijiet din tista' ma tkunx komplut jew preciza u ghalhekk l-esponent jirriserva li jikkoregi din il-lista fi stadju aktar tard. Dwar il-kwoti jrid l-ewwel jkun hemm imressqa il-provi mill-atturi biex din tkun tista tigi determinata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ingunzjoni tal-atturi ghas-subizzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat **ir-risposta ġuramentata ulterjuri ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici**[4] ippreżentata fil-11 ta' Mejju 2017 fejn fiha qiegħda teċċeppixxi s-segwenti

1. Illi t-tielet, r-raba u l-hames talba tal-atturi huma *res gudikata* billi l-estensjoni tal-legat imholli mill-kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani lil xi whud mill-atturi ghal dak li jirrigwarda s-sehem taghha mill-proprjeta` maghrufa bhala Palazzo Testaferrata, Paola, gia` gie gudizjarjament determinat b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta tad-19 ta' Dicembru, 2012 fil-kawza fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Christopher

[4] Paġna 1755 tal-proċess.

Testaferrata Moroni Viani et (Rikors Nru. 942/2011) li llum ghaddiet in gudikat.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi mressqa waqt il-prosegwiment tal-proċeduri;

Rat id-digriet tal-5 t'Ottubru 2011 fejn ġiet milqugħa t-talba ta' Alfred Gera de Petri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Euro Industries Ltd sabiex din il-Qorti tistenna l-eżitu tar-rikors ġuramentat 343/2011 fl-ismijiet **Euro Industries Limited et vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani et** qabel tipproċedi[5];

Rat id-digriet tal-5 t'Ottubru 2011 fejn ġiet milqugħa t-talba ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici sabiex din il-Qorti tistenna l-eżitu tar-rikors ġuramentat 1335/2010 fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani et** qabel tipproċedi u dan sabiex ikun hemm ġudikat finali dwar il-legat qabel issir id-diviżjoni[6];

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani et** (Rik Ġur 942/2011) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-19 ta' Diċembru 2011 u liema għaddiet in ġudikat;

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Euro Industries Ltd et vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani et** (Rik Ġur 343/2011) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-24 ta' Ġunju 2016[7];

[5] Paġna 1571 et seq tal-proċess.
[6] Paġna 1575 et seq tal-proċess.
[7] Paġna 1665 et seq tal-proċess.

Rat is-sentenza fl-**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani et** (Rik Ġur 1335/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 ta' Settembru 2016[8];

Rat illi fl-10 t'Ottubru 2016 il-kawża ġiet differita għal provi fuq l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku;

Rat illi b'nota tat-23 ta' Novembru 2017, il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici iddikjarata "illi stante l-mewt tar-rikorrenti Salvino Testaferrata Moroni Viani u l-legitimazzjoni tal-atti favur uliedhu Christopher Testaferrata Moroni Viani u Martin Testaferrata Moroni Viani bhala eredi tieghu, [...] hija qed tirtira l-eccezzjonijiet taghha sa fejn dawn jirrigwardaw in-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-konfront tal-imsemmija rikorrenti Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani salv naturalment li dawn jipproduċu d-denunzja relattiva kif wiehed ghandu jifhem li sejrin jaghmlu malli din tkun maghmula minnhom."[9]

Rat id-digriet tal-21 ta' Frar 2018 fejn il-Qorti tqis li ai termini tal-Artikolu 63 tal-Kapitolu 364, Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Transferimenti, illi r-rekwiziti ta' pubblikazzjoni tad-denunzja causa mortis tal-Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani u l-ħlas ta' taxxa fi żmien stabbilit mil-Liġi ma ġewx debitament pprovati iżda ppermetiet li l-kawża tiġi riappuntata fuq talba minn xi parti wara prova tad-debita pubblikazzjoni tad-denunzja *causa mortis* tal-Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani[10];

Rat in-nota tal-atturi ppreżentata fil-15 ta' Mejju 2018 flimkien mad-dikjarazzjoni *causa mortis*;

Rat in-nota ta' Carmen Preziosi u Annamaria Spiteri Debono ippreżentata fil-21 ta' Frar 2019 fejn permezz tagħha irtiraw l-eċċezzjonijiet tagħhom

[8] Paġna 1674 et seq tal-proċess.
[9] Paġna 1776 tal-proċess.
[10] Paġna 1792 et seq tal-proċess.

in kwantu li jirrigwardaw il-carenza ta' interess ġuridiku fil-konfront ta' Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Annamaria Spiteri Debono u Caren Preziosi ppreżentata fit-13 ta' Frar 2020[11], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici ippreżentata fl-14 ta' Frar 2020[12] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fil-25 ta' Frar 2020 ilkoll rigwardanti l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku t'uħud mill-atturi[13];

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u fejn ġie kjarifikat li l-konvenuti qegħdin jikkontestaw biss l-interess ġuridiku ta' Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani;

Rat illi l-kawża tħalliet għal lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn qed jiġi eċċepiet illi l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani m'għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipproponu l-kawża odjerna u għalhekk għandhom jiġu estromessi.

Ikkunsidrat;

L-atturi Salvino, Christopher, Martin, Peter Paul, Paul Stephen u Caroline ikoll Testaferrata Moroni Viani flimkien mal-konvenuti kollha huma ko-propjetarji ta' diversi beni li jikkonsistu f'artijiet u bini li jinsabu Ta' Xbiex, l-Imsida, il-Gżira, il-Mosta, Raħal Ġdid u ż-Żebbiegħ u numru ta' ċnus u drittijiet immobiljari oħra. L-atturi l-Barunessa Monika Testaferrata Moroni Viani (mart l-attur il-Baruni Salvino) u Jane Testaferrata Moroni Viani (armla ta' ħu l-Baruni Salvino u ċioe armla ta' tan-Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani) huma użufruttwarji f'dawn il-proprjetajiet kif ukoll propjetarji fi proprjetajiet oħra li tagħhom jifformaw parti mill-mertu

[11] Paġna 1911 et seq tal-proċess.
[12] Paġna 1916 et seq tal-proċess.
[13] Paġna 1928 et seq tal-proċess.

ta' din il-kawża stante li huma lkoll amministrati taħt l-isem *Testaferrata Moroni Viani Estates*.

L-atturi Christopher u Martin huma ulied l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani, filwaqt li l-atturi Peter Paul, Paul Stephen u Caroline huma ulied Mario Testaferrata Moroni Viani li jiġi ħu l-attur Salvino. Il-konvenuti huma ulied Maria Testaferrata Moroni Viani, li tiġi oħt l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani. L-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kellu oħtu Beatrice, xebba u li mietet fl-2007.

Bl-Att XII tas-sena 1950 is-suċċessjoni b'primoġenitura ġiet abolita u nofs indiviż (1/2) tal-assi inżamm mill-pussessur il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani filwaqt li n-nofs indiviż rimanenti waqa' fuq l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani. L-attur Salvino, u l-imsemmija Mario, Beatrice u Maria huma lkoll wild tal-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li miet intestat fit-18 ta' Marzu 1954. Kien għalhekk li nofs indiviż li kellu l-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani iddevolva fuq uliedu f'ishma indaqs ċioe ta' sehem minn erbgħa lil kull wieħed u waħda u liema ishma sussegwentement ddevolvew fuq uliedhom f'ishma ugwali. Dan ifisser għalhekk li l-konvenuti, ulied Maria Testaferrata Moroni Viani wirtu sehem minn erbgħa u għoxrin (1/24) sehem indiviż kull wieħed, filwaqt li l-atturi Peter Paul, Paul Stephen u Caroline wirtu wkoll sehem minn erbgħa u għoxrin (1/24) sehem indiviż kull wieħed mingħand missierhom Mario Testaferrata Moroni Viani. L-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kellu diġà nofs indiviż u li magħhom iridu jiżdiedu sehem minn tmienja li wiret m'għand missieru l-Baruni Pietro Paola Testaferrata Moroni Viani biex b'hekk kellu f'idejh ħames ishma minn tmienja (5/8), liema ishma sussegwentement għaddew għandu wliedu l-atturi Christopher u Martin f'ishma ndaqs. Jonqos għalhekk il-wirt tan-Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, liema ġie regolat b'testment redatt min-Nutar Dr. Hugh Grima fis-6 ta' Lulju 2007. Ta' relevanza huma s-segwenti artikoli:

*"Article Two*

*The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy unto her nephews Christopher and Martin brothers Testaferrata Moroni Viani sons of the testatrix's brother Salvino and Monika von Ammerman residing at Balzan and Sliema respectively and this in equal portions between them, said legacy to be operable immediately following the testatrix's death and in full and absolute ownership one third (1/3) of her one eight (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her Father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eights (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Moroni Viani, one eighth (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8th) by the testatrix.*

*The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eighth (1/8th) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said primogenitures.*

*Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax if any, in the fulfilment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy;*

*Article Three*

*The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy to her nephews and niece namely Peter Paul, Caroline, wife of Gerald Zammit and Paul Stephen all brothers and sister Testaferrata Moroni Viani children of the testatrix's brother the late Mario Testaferrata Moroni Viani and Jane nee Borg residing respectively at San Pawl tat-Targa, Ta' Xbiex and San Pawl tat-Targa and this in equal portions between them one sixth (1/6th) of her one eighth (1/8th) undivided share of the*

*Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being those primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eighth (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8) by testatrix.*

*[…]*

*Article Nine*

*Save for the above, the testatrix is hereby nominating and instituting as her sole and universal heirs of all her property movable and immovable, corporeal and incorporeal of wahtever nature and wherever situate her three nieces namely Marchesina Agnes Gera de Petri wife of Alfred Gera de Petri residing at Balzan, Countess Karen Preziosi wife of Count Josef Preziosi residing at Mosta and the Noble Anna Maria Spiteri Debono wife of John Spiteri Debono residing at Zejtun all sisters Testaferrata Bonici and of the late Baroness Maria nee Testaferrata Moroni Viani and this in equal portions between them […]"*

Il-partijiet ma jixtiequx jibqgħu fil-komunjoni fil-proprjetajiet iżda hemm kuntrast bejniethom dwar id-diviżżjoni inkluż dwar x'għandu jikkostitwixxi sehem minn tmienja li iddisponiet Beatrice Testaferrata Moroni Viani speċifikament għal tlett proprjetajiet u ċioe

a. Dwar is-sehem minn tmienja tal-proprjetà Palazzo Testaferrata, Paola;
b. Biċċa art li tinstab il-Mosta fil-kejl ta' dsatax-il elef disa' mija u erbgħa u sebgħin metru kwadru (19,974mk); u
c. Villa Bendigo, Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex.

L-atturi qegħdin inter alia jitolbu lil l-Qorti tiddetermina s-sehem ta' kull parti f'dawn l-imsemmija proprjetà kif ukoll tal-proprjetajiet kollha l-oħra

miżmuma flimkien kif ukoll tordna d-diviżjoni tal-proprjetajiet miżmuma in komun.

Ikkunsidrat;

**L-eċċezzjoni ta' Karenza ta' Interess Ġuridku fl-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Giovanna sive Jane Testaferrata Moroni Viani.**

Din hija sentenza preliminari dwar in-nuqqas o meno ta' interess ġuridiku fl-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani.

Il-ġurisprudenza nostrana fir-rigward tal-interess ġuridiku hija waħda kopjuża u konsistenti. Diversi kienu dawk is-sentenzi li rreferrew għall-elementi li jeħtieġ jiġu sodisfatti sabiex jiġi stabbilit li l-parti li tipproponi l-azzjoni għandha interess ġuridiku tadixxi lill-Qorti.

Fis-sentenza **John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg et** (27 ta' Marzu 1990) din il-Qorti diversament preseduta irrikonoxxiet li

> "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

L-elementi tal-interess ġuridiku komplew jiġu elaborati fis-sentenza fl-ismijiet **Emilio Persiano vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni** (Ċit Nru 1790/2000/2 JRM) mogħtija fit-18 ta' Jannar 2001 fejn ġie ritenut li

> "Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl- ismijiet <u>Falzon Sant Manduca vs Weale</u>, maqtugha fid-**9 ta' Jannar, 1959**, Kollezz: Vol: **XLIII.i.1**];
>
> Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-**13 ta' Marzu, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet <u>Francis Tonna vs Vincent Grixti</u>, Kollez. Volum**: LXXVI.iii.592**]".

Aktar riċenti imbagħad wieħed isib id-deċiżjoni fl-ismijiet **Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** (Ċit Nru 378/2009 JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Settembru 2014 fejn b'referenza għal deċiżjonijiet oħra rrimarkat li

> "[...] rekwizit imprexxindibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha ; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu ("**<u>Balluci vs Vella Gera</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "**<u>Zammit vs Formosa</u>**

**et**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "**Zammit Psaila et vs Ellul**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956).

"Il-Qorti tirrimarka li l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("**Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et**" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza ("**Camilleri et vs Sammut et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

Hekk delineati l-prinċipji ewlenien regolanti l-interess ġuridiku f'min jipproponi kawża quddiem Qorti, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplikahom għal każ odjern.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti Annamaria Spiteri Debono u Caren Preziosi jispjegaw fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom li l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani m'għandhom l-ebda sehem bħala sidien tal-proprjetajiet li ġejjien mill-provenjenza parafernali ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani ċioe missier żwieġhom. In oltre jgħidu wkoll li l-imsemmija huma neqsin mill-interess ġuridiku minħabba l-fatt li

l-eredi ta' żwieġhom huma uliedhom, atturi wkoll fil-kawża. Jinsistu li "tali azzjoni hija vestita lill-ko-propretarji u bl-ebda mod ma testendi fuq l-uzufruttwarji"[14].

Min-naħa tagħha l-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici tissottometti li Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani ma setgħux jippromwovu l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-maġġor parti tal-assi immobiljari in diviżjoni u għalhekk għandhom nieqes l-interess ġuridiku. Tkompli tgħid li "huma [b'referenza għal Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani] ma kellhom l-ebda dritt li jippromwovu azzjoni ghal divizjoni fuq dawn l-istess assi u b'hekk jirrizulta evidenti wkoll il-karenza ta' interess taghhom f'din il-kawza sa fejn huma koncernati dawn l-istess assi."[15]

***(a) M'għandhom l-ebda sehem fil-proprjetajiet in diviżżjoni jew m'għandhomx sehem fil-maġġor parti tal-proprjetajiet li tagħhom qiegħda tintalab id-diviżjoni?***

Din il-Qorti sejra tibda bl-ewwel raġuni mogħtija mill-konvenuti u ċioe li m'għandhom l-ebda sehem fil-proprjetajiet (raġuni mressqa mill-konvenuti  Spiteri Debono u Preziosi) jew m'għandhomx sehem fil-maġġor parti tal-proprjetajiet li tagħhom qiegħda tintalab id-diviżjoni (raġuni mressqa mill-konvenuta Gera de Petri).

Il-proprjetà mertu tad-diviżjoni hija amministrata minn *Testaferrata Moroni Viani Estate*, fejn il-maġġor parti tal-beni devolvew b'wirt għand Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u oħrajn akkwistahom l-istess Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u li sussegwentement għaddew għand uliedu ċioe l-attur (illum defunt) Salvino, Mario, Beatrice u Maria u xi proprjetajiet oħra ġew akkwistati matul iż-żmien minn ulied l-imsemmi Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani.

---

[14] Paġna 1914 tal-proċess.
[15] Paġna 1926 tal-proċess. b

Mill-provi jidher li hemm qbil dwar liema proprjetajiet intirtu minn Salvino, Mario, Beatrice u Maria aħwa Testaferrata Moroni Viani u liema huma dawk il-proprjetajiet li ġew akkwistati mill-istess, għajr għal proprjetà bl-isem Bendigo li tinstab Ta' Xbiex. Din il-Qorti f'dan l-istadju m'hijiex sejra tidħol fid-dettal dwar kif iddevolviet jew ġiet akkwistata mill-awturi tal-atturi, iżda sejra tieħu qies tagħha sa fejn rilevanti għad-deċiżżjoni odjerna.

Skont ix-xhud Dr. Andrea Gera de Petri, mressaq mill-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici, l-attriċi Jane Testaferrata Moroni Viani għandha sehem minn sittax (1/16) fil-fond Bendigo, Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex.

Mill-atti jidher li hemm qbil li Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani huma ko-propjetarji ta' biċċa art li tinstab ġewwa l-Gżira ta' kejl in total ta' ċirka 460mk, biċċa art oħra ta' kejl ċirka 75mk fi Triq Abate Rigord Street, Ta' Xbiex kif ukoll ishma indiviżi ta' dirett dominju (a) ta' żewġ proprjetajiet ir-Rabat, (b) ta' għalqa ġewwa Għajn Futni, ġewwa Għawdex, (ċ) ta' fabbrika ġewwa l-Marsa, (d) ta' biċċa art ġewwa Ħal Kirkop li hija esproprjata u sehem f'biċċa art ġewwa Ħal Qormi.

Jidher li hemm qbil ukoll li f'dawn il-proprjetajiet, Jane Testaferrata Moroni Viani u Monica Testaferrata Moroni Viani m'akkwistawx permezz ta' wirt iżda permezz ta' xiri waqt iż-żwieġ rispettiv tagħhom. Appena huwa neċessarju jiġi sottolineat illi għalkemm fuq il-kuntratt tal-akkwist deheru żwieġhom rispettivi, bir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti huma saru wkoll sidien ta' dak akkwistat matul iż-żwieġ.

Ta' minn josserva li ħadd mill-konvenuti ma ġab prova li ma kienx qiegħed jitħaddan dan ir-reġim matrimonjali bejn Salvino u martu Monica Testaferrata Moroni Viani u bejn Mario u martu Jane Testaferrata Moroni Viani. Għal kuntrarju jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Andrea Gera de Petri li

r-reġim patrimonjali eżerċitat kien ta' komunjoni tal-akkwisti. In oltre rigwardanti l-proprjetajiet l-oħra li tagħhom qiegħda tintalab diviżjoni, għalkemm Jane u Monica m'humiex ko-propjetarji huma jgawdu l-użufrutt, dwar liema ser isiru konsiderazzjonijet aktar 'l isfel.

**Artikolu 496 tal-Kap. 16**.

L-artikolu applikabbli għad-diviżjoni ta' proprjetà miżmuma in komun huwa l-**Artikolu 496** tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi fost oħrajn li "Ħadd ma' jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni, **kull wieħed mill-komproprjetarji** jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma [...]"[16]. Huwa ċar għalhekk li kull persuna li għandha beni in komun tista' titlob id-diviżjoni, hu kemm hu s-sehem indiviż li tali persuna tipposjedi. Kull ko-propjetarju għalhekk għandu dritt jitlob id-diviżjoni u jinsisti li sehmu, żgħir kemm hu żgħir, jieħdu fil-qasma, u ma jistax jiġi mġiegħel jibqa' in komun għax hemm oħrajn li jridu jibqgħu in komunjoni. [17]

Fil-kawża **Paul Camilleri et vs Frank Camilleri** (Ċit Nru1136/2006 JRM) deċiża fl-10 ta' Jannar 2008 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, ġie ritenut li "*l-hsieb tal-ligi huwa li hadd ma jista' jkun imgieghel li jibqa' fil-komunjoni tal-gid ma' ohrajn li ghandhom sehem mill-istess gid.*"

Isegwi għalhekk illi l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani, qua ko-proprjetarji ma' partijiet oħra fil-kawża, għandhom l-interess ġuridku meħtieġ sabiex waħedhom jew flimkien ma' oħrajn ukoll ko-proprjetarji, jistitwixxu kawża għad-diviżżjoni.

Il-konvenuti Annamaria Spiteri Debono u Carin Preziosi kienu skorretti meta eċċepew li l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane

[16] Enfasi tal-Qorti.
[17] Ara **John Ellul et vs. Vincenza Cassar et** (Ċit Nru 1839/2001) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 ta' Marzu 2003.

Testaferrata Moroni Viani m'għandhom l-ebda sehem fil-proprjetajiet li tagħhom qiegħda tintalab id-diviżjoni.

Huwa evidenti mill-provi mressqa sa issa illi ż-żewġ atturi imsemmija għandhom ishma indiviżi f'uħud mill-proprjetajiet li tagħhom qiegħda tintalab id-diviżjoni. L-eċċezzjoni indizamina tal-konvenuti Spiteri Debono u Preziosi għalhekk ma hiex fondata u ser tiġi respinta.

L-eċċezzjoni tal-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici fejn teċċepixxi karenza ta' interess ġuridiku fiż-żewġ atturi imsemmija hija differenti minn l-eċċezzjoni tal-konvenuti Spiteri Debono u Preziosi. Il-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici teċċepixxi illi ż-żewġ atturi m'humiex sidien tal-maġġor parti tal-proprjetajiet fl-elenku tal-propjetajiet imħejji mill-Perit Godwin Abela ingaġġat *ex parte* minn uħud mill-atturi. Mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni jekk din hijiex *actio familiae erciscundae* jew *actio de communi dividundo*, u dan stante li huwa l-mertu t'eċċezzjoni oħra tal-konvenuti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-atturi Monica u Jane Testaferrata Moroni Viani għandhom interess ġuridiku li jistitwixxu l-kawża odjerna dwar dak is-sehem indiviż li huma jżommu flimkien mal-partijiet l-oħra in komunjoni u li sal-ġurnata tal-lum għadhom jifformaw parti mill-mertu ta' din l-azzjoni.

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fiż-żewġ atturi imsemmija ma hiex fondata u ser tiġi wkoll respinta.

***(b) Użufruttwarji***

Il-konvenuti kollha jeċċepixxu illi l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani m'għandhomx interess ġuridiku għaliex huma użufruttwarji.

**Artikolu 328 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li "L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-

obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla." **Artikolu 346** imbagħad jipprovdi li "s-sid ma jistax b'għemilu, jew b'kull mod ieħor, jagħmel ħsara lill-jeddijiet tal-użufruttwarju". Ifisser għalhekk li s-sidien ta' fond suġġett għall-użufrutt huma preklużi milli jfixklu l-użufrutwarju meta l-pussess ikun derivanti minn titolu legalment konċess mill-użufruttwarju.

Fil-każ odjern Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani igawdu mid-dritt ta' użufrutt fuq l-intier tal-ereditá ta' żwieġhom u mhux fuq assi singulari. Dan magħdud din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li Monica Testaferrata Moroni Viani qiegħda tirrisjedi ġewwa l-fond Palazzo Testaferrata, Triq il-Belt Valletta, Raħal Ġdid, fond li qiegħed jintalab id-diviżjoni tiegħu wkoll.

Fin-nota' ta' sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici tissottometti li "id-dritt per se [b'referenza għad-dritt ta' użufrutt] ghalhekk ser jibqa' u m'hemm l-ebda diskussjoni jew talba ghad-divizjoni tieghu"[18].

Fir-rigward ta' din is-sottomissjoni din il-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox tqis x'inhu jiġi mitlub permezz tal-kawża odjerna. Fl-ewwel lok il-Qorti qiegħda tintalab tiddetermina u tidentifika l-proprjetajiet li fihom il-partijiet jew min minnhom huma ko-propjetarji u għalhekk jiġi determinat ukoll fuq liema proprjetajiet Jane Testaferrata Moroni Viani u Monica Testaferrata Moroni Viani igawdu d-dritt ta' użufrutt. Fit-tieni lok għandu jiġi determinat is-sehem ta' kull ko-propjetarju fil-proprjetajiet indikati. Fit-tielet lok talba biex tagħti ordni għad-diviżjoni tal-proprjetajiet li tagħhom huma ko-propjetarji. Ir-rimanenti talbiet jirrigwardaw kif għandha ssir d-diviżjoni u l-proċedura li għandha tiġi ffisata minn din il-Qorti.

[18] Paġna 1926 tal-proċess.

Din il-Qorti tinnota li l-atturi ppreċiżaw kif għandha ssir id-diviżjoni u jekk il-Qorti ma taqbilx mal-modalitajiet indikati mill-Perit ex parte, il-Qorti għandha tagħti modalitajiet alternattivi okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi.

Proprjetà suġġetta għall-użufrutt tista' liberament tinbiegħ mill-propjetarju. Peress li l-użufrutt huwa dritt reali, dik il-proprjetà tibqa' suġġetta għall-użufrutt anke f'każ ta' trasferiment lit-terz u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 383 tal-Kodiċi Ċivili**: "Il-bejgħ tal-ħaġa suġġetta għall-użufrutt ma jġib ebda tibdil fil-jedd tal-użufruttwarju; u huwa jibqa' jgawdi l-użufrutt, kemm-il darba ma jkunx irrinunzja għalih." Iżda x'jiġri mill-użufrutt meta jkun hemm talba għal diviżjoni?

Ta' relevanza hija s-sentenza **Giorgia armla Mercieca vs Carmela xebba Sciberras et** deċiża fit-12 t'April 2011 fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) osservat li:

> "L-Artikolu 378 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-uzufrutt jispicca:-
> a. Bil-mewt tal-uzufruttwarju;
> b. L-eghluq taz-zmien li ghalih kien maghmul;
> c. Bil-konsolidazzjoni fl-istess persuna ta' sid u uzufruttwarju;
> d. Billi ma jsirx uzu mill-jedd ghall-perjodu ta' tletin sena;
> e. Bit-telfa tal-haga soggetta ghall-uzufrutt;
>
> L-attrici ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza inkluz il-kawza **Rita mart Lawrence Desira et vs Mary Caruana et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005. Il-qorti kienet osservat li f'kaz ta' divizjoni l-uzufrutt ghandu jigi terminat, u l-uzufruttwarju jigi kumpensat bil-hlas ta' dak il-valur. L-argument tal-konvenuta jidher li hu li l-bejgh tal-proprjeta ihalli l-istess jeddijiet lill-uzufruttwarju (ara Artikolu 383 tal-Kodici Civili). Fil-kawza **John Debono et vs Avukat Dr Edwin E. Bonello nomine et** deciza fid-19 ta' Novembru 1966 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat:

"*Li, infatti, gie minn dejjem ritenut li l-ezistenza ta' l-uzufrutt ma huwiex impediment ghall-licitazzjoni, ghaliex l-uzufrutt, bhal proprjeta, huwa soggett ghall-ligijiet tad-divizjoni, u fil-kaz li dina ssir imprattikabbli, l-istess uzufrutt ghandu jigi licitat; dana jinghad in bazi ghall-principju prevalenti f'din il-materja li; "**la licitazione facendo cessare la comunione della proprieta', fa anche cessare l'usufrutto, costituito sopra una parte dello stesso fondo, a favore di un terzo**"* (Kollez. XXI.ii.411; XXIX.ii.913; XXXII.ii.417; XXXIII.ii.214; XXXIV.ii.555).". Dan l-estratt ittiehed mis-sentenza **Abela vs Micallef** deciza fit-23 ta' Jannar 1912 (Vol. XXI.ii.411) mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn il-qorti osservat li l-Artikolu 383 tal-Kodici Civili *".... e applicabile solo nel caso in cui il proprietario vendesse la nuda proprieta', o se di questa fosse ordinata la vendita ad istanza dei suoi creditori, e non gia' ancora nel caso in cui si ordinasse la licitazione di un fondo invdivisibile, di cui una porzione e posseduta da un terzo in usufrutto, siccome tale vendita e' fatta in esecuzione di un diritto stabbilito dalla legge.*". Mis-sentenza jidher li l-bazi ghad-decizjoni tal-qorti kien li jekk l-uzufrutt ma jispiccax, ".... ***il godimento di esso continuerebbe ad essere comune tra l'usufruttuario di tale parte e l'acquirente***". L-insenjament ta' din issentenza baqa' jigi segwit matul is-snin [Ara wkoll per ezempju sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-kawza fl-ismijiet: **Mary Said vs Joseph Deguara et** [Cit Nru 818/1985] deciza fil-5 ta' Ottubru 1993.].

Interessanti wkoll dak li nghad f'sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Avvocato Dr Alessandro Claudio Debono vs Avvocato Dr Giovanni Adami** deciza fil-21 ta' Ottubru 1920 (Volum XXIV): "*Ma se l'usufrutto appartenga ad uno o piu' coeredi, questi riunendo le due qualita' di usufruttuari e proprietari, possono provocare la vendita dell'usufrutto e della proprieta'. Cosi' il Pacifici Mazzoni, trattato dell Successioni, Vol. VI. Seconda Ediz. Pag. 251 No. 804. E questa Corte colla sua sentenza del 20 gennaio, 1880 in re Testaferrata vs Apap (Collez. IX 40 Col. 1a) ebba a riconoscere competente non solo all'erede ma anche al legatario di usufrutto*

*l'azione per la divisione ed assegnazione della quota da essere da lui usufruita (confr. Pure Collez. VIII.614, per l'azione communi dividundo anche tra semplici detentori.).*".”

Finalment issir referenza għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet **Giovanna Cauchi vs. Amelia Cauchi et** deċiża fit-18 ta' Mejju 1948 (Vol. XXXIIIE.II.274) fejn ġie ppreċiżat li l-użufruttwarju għandu l-jedd ukoll jitlob id-diviżjoni tal-beni sabiex ikun jista' jgawdihom separatament:

> "l-uzufrutt imholli konguntivament jispicca mal-mewt ta' l-ahhar persuna li ghandha tgawdi, u illi l-porzjoni ta' l-uzufruttwarju li jmut takkrexxi ma' dik ta' l-uzufruttwarji superstiti, tirrigwarda l-mod tal-godiment, u ma timpurtax impossibilita' ta' divizjoni. U ghalhekk ma tfisserx illi kull wiehed mill-uzufruttwarji istitwiti konguntivament ma jistax jitlob id-divizjoni biex lilu tista' tigi assenjata l-porzjoni li tmissu mill-beni kostitwiti in uzufrutt biex ikun jista' igawdiha separatament."

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti tqis li l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani, ukoll bħala użufrutwarji ta' diversi proprjetajiet li tagħhom qiegħda tintalab id-diviżjoni għandhom l-interess ġuridku meħtieġ li jipromwovu l-azzjoni odjerna flimkien mal-atturi l-oħra.

Hekk ikkunsidrati r-raġunijiet kollha mogħtija mill-konvenuti għalfejn l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani m'għandhomx interess ġuridiku, u meta tieħu kont ukoll ta' x'inhu għall-aħjar ġudizzju, din il-Qorti tasal għal fehma li l-imsemmija għandhom interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiddikjara, taqta' u tiddeċiedi:-

1. Illi l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u  Jane Testaferrata Moroni Viani għandhom interess ġuridiku sabiex jistitwixxu l-kawża odjerna sew fir-rigward tal-immobbli fejn huma ko-proprjetarji, sew fir-rigward tal-immobbli fuq liema jgawdu dritt ta' uzufrutt;

2. Illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħhom eċċepew il-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u  Jane Testaferrata Moroni Viani bħala li ma humiex fondati;

3. Konsegwentement tiċħad dawn l-eċċezjonijiet dwar il-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani;

4. Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
25 ta' Marzu 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**